Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0335(COD)

14.4.2026

EMENDI
678 - 945

Abbozz ta' rapport
Elena Donazzan
(PE784.432v01-00)

Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0335 – 2025/0335(COD))

Emenda 678
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 ***u 189(2)*** tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda tal-Artikolu 189(2) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 114 tipprovdi l-bażi legali komplementari għall-Unjoni biex tieħu l-passi formali meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-konvenzjonijiet tan-NU dwar ir-responsabbiltà u r-reġistrazzjoni fl-ispazju (Artikolu 107a). Il-bażi doppja ssegwi l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar miżuri li jservu objettiv doppju u tipproteġi r-Regolament minn kontestazzjoni legali fuq bażi ta' kompetenza.

Emenda 679
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali saru parti importanti mill-ekonomija tal-Unjoni u mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Dawn jintużaw f'setturi kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern, fosthom dawk koperti mid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, u mid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni.	***imħassar***

[3] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

[4] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

Or. en

Emenda 680
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali saru parti importanti mill-ekonomija tal-Unjoni u mill-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Dawn jintużaw f'setturi kruċjali għall-funzjonament tas-suq intern, fosthom dawk koperti mid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, u mid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni.	***imħassar***

[3] Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-

entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj).

[4] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj).

Or. en

Emenda 681
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fl-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.	(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali***, u wrew l-importanza dejjem tikber tagħhom fl-appoġġ tal-awtonomija strateġika, il-kompetittività ekonomika u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni***. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fl-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Or. ro

Emenda 682
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi ***jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża,*** bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand ***u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni***. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.	(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Or. fr

Emenda 683
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi	(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi

jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u ***javvanzaw*** l-aġenda politika tal-Unjoni ***u l-perkors*** tagħha ***tul it-tranżizzjonijiet*** diġitali ***u ekoloġiċi***.

jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali ***qed*** jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u ***qed imexxu*** l-aġenda politika tal-Unjoni***, kif ukoll il-perkors*** tagħha ***lejn objettivi strateġiċi u ekonomiċi fl-isfera*** diġitali.

Or. en

Emenda 684
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni ***u l-perkors tagħha tul it-tranżizzjonijiet*** diġitali ***u ekoloġiċi***.	(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni, u l-monitoraġġ ambjentali. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri u javvanzaw l-aġenda politika tal-Unjoni***, l-objettivi*** diġitali ***tagħha u l-awtonomija strateġika tagħha fl-ispazju***.

Or. en

Emenda 685

András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni***, u l-monitoraġġ ambjentali***. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġjaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri; dawn javvanzaw ***l-aġenda politika tal-Unjoni*** u ***l-perkors*** tagħha ***tul it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi***.	(2) Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jipprovdu kontributi imprezzabbli għal firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-konnettività tal-internet, it-televiżjoni bis-satellita, il-ġestjoni tan-navigazzjoni. Dawn jippermettu applikazzjonijiet għal skopijiet xjentifiċi jew operazzjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża, bħal missjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, komunikazzjonijiet għal finijiet ta' kmand u kontroll, u kapaċitajiet tar-rikonjizzjoni. Id-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jappoġġjaw dejjem aktar l-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi tal-Istati Membri; dawn javvanzaw ***it-tranżizzjoni diġitali filwaqt li jikkostitwixxu interess ewlieni ta' sigurtà ekonomika għall-Unjoni*** u ***l-Istati Membri*** tagħha.

Or. en

Emenda 686
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-attivitajiet fl-ispazju huma essenzjali għat-twettiq ta' għadd kbir ta' attivitajiet meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-soċjetajiet Ewropej. Huwa kruċjali li l-ispazju jinżamm bħala ben komuni, biex jaqdi l-interess ġenerali. L-attivitajiet fl-ispazju Ewropej jenħtieġ li ma jikkontribwux għall-approprjazzjoni individwalistika tal-ispazju u l-

manipulazzjoni tiegħu għal finijiet kummerċjali.

Or. fr

Emenda 687
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Is-settur spazjali tal-Unjoni ilu deċennju sħiħ għaddej minn bidliet strutturali kontinwi. Uħud minnhom, dawn ġew parzjalment minħabba żieda fid-domanda għas-servizzi spazjali u l-aċċess għall-ispazju li sar aktar aċċessibbli minħabba avvanzi teknoloġiċi u tnaqqis fil-kostijiet. L-attivitajiet fl-ispazju, li qabel kienu kkonċentrati fi ftit Stati Membri u ddominati minn atturi industrijali kbar stabbiliti, gradwalment infetħu għal parteċipanti ġodda fis-suq. Il-ħolqien, f'ħafna mill-Istati Membri, tal-hekk imsejħa atturi tas-suq ta' "Spazju Ġdid", li ħafna minnhom huma kumpaniji privati, wassal għal espansjoni tas-suq spazjali tal-Unjoni, u fl-istess ħin ħareġ fid-dieher in-natura transfruntiera inerenti tal-attivitajiet fl-ispazju.	(3) Is-settur spazjali tal-Unjoni ilu deċennju sħiħ għaddej minn bidliet strutturali kontinwi. Uħud minnhom, dawn ġew parzjalment minħabba żieda fid-domanda għas-servizzi spazjali u l-aċċess għall-ispazju li sar aktar aċċessibbli minħabba avvanzi teknoloġiċi u tnaqqis fil-kostijiet. L-attivitajiet fl-ispazju, li qabel kienu kkonċentrati fi ftit Stati Membri u ddominati minn atturi industrijali kbar stabbiliti, gradwalment infetħu għal parteċipanti ġodda fis-suq***, iżda dan jinvolvi wkoll il-ħtieġa ta' qafas regolatorju xieraq, sikur u sostenibbli***. Il-ħolqien, f'ħafna mill-Istati Membri, tal-hekk imsejħa atturi tas-suq ta' "Spazju Ġdid", li ħafna minnhom huma kumpaniji privati, wassal għal espansjoni tas-suq spazjali tal-Unjoni, u fl-istess ħin ħareġ fid-dieher in-natura transfruntiera inerenti tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun hemm qafas ta' azzjoni xieraq fil-livell tal-UE għall-atturi kollha kkonċernati sabiex dawn l-atturi kollha jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom u jiżviluppaw proġetti.

Emenda 688

András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-ħolqien tal-Ispazju Ewropew il-Ġdid tirrikjedi pożijiet amministrattivi proporzjonati, b'mod partikolari għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

Or. en

Emenda 689
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-bidliet strutturali li għadda minnhom is-settur spazjali tal-Unjoni, it-tkabbir tal-attivitajiet fl-ispazju u r-rwol akbar tal-atturi privati fit-twettiq ta' attivitajiet fl-ispazju min-naħa tagħhom espandew l-interventi regolatorji nazzjonali. Sal-lum hemm diġà ***13-il Stat Membru*** li daħħlu fis-seħħ leġiżlazzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet fl-ispazju, apparti li ***bosta*** oħrajn qed iħejju ruħhom biex jippromulgaw leġiżlazzjonijiet simili.	(5) Il-bidliet strutturali li għadda minnhom is-settur spazjali tal-Unjoni, it-tkabbir tal-attivitajiet fl-ispazju u r-rwol akbar tal-atturi privati fit-twettiq ta' attivitajiet fl-ispazju min-naħa tagħhom espandew l-interventi regolatorji nazzjonali. Sal-lum hemm diġà ***bosta Stati Membri*** li daħħlu fis-seħħ leġiżlazzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet fl-ispazju, apparti li oħrajn qed iħejju ruħhom biex jippromulgaw leġiżlazzjonijiet simili.

Or. en

Emenda 690
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda ***minbarra*** dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, ***il-konġestjoni*** tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu ***raġuni dejjem akbar ta'*** tħassib ***dwar is-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla*** lakuna regolatorja.	(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti ***u l-impatti ambjentali dejjem akbar*** assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda dawn il-linji gwida mhux vinkolanti ***mhumiex biżżejjed biex itaffu t-tħassib dejjem akbar għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***, ***assoċjati mal-konġestjoni*** tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali ***dejjem akbar*** tal-attivitajiet fl-ispazju ***li*** jikkostitwixxu tħassib ***ewlieni għas-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***. Barra minn hekk, ir-reġim ta' responsabbiltà tal-OST ma jkoprix ir-responsabbiltà ambjentali, u lanqas ma jpoġġi r-responsabbiltà direttament fuq l-operaturi spazjali. Dan iħalli*** lakuna regolatorja.

Or. en

Emenda 691
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.	(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. ***Huwa meħtieġ rieżami estensiv tal-OST.*** Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.
	Or. en

Emenda 692
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-	(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-

orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.	orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni ***u l-kolliżjoni deliberata***, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.

Or. en

Emenda 693
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. ***Iżda minbarra*** dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni ***tal-orbiti***, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil ***tas-servizzi*** spazjali ***minħabba*** attakki ċibernetiċi ***mwettqa*** fuq l-infrastruttura spazjali ***kif ukoll*** l-impatt ***ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju ***jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta'*** tħassib ***dwar*** is-sikurezza, ir-reżiljenza u ***s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju***, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni ***fil-livell*** internazzjonali u ***b'hekk titħalla*** lakuna regolatorja.	(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. ***Apparti*** dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, ***madankollu,*** il-konġestjoni ***orbitali***, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil ***għas-servizzi*** spazjali ***kkwwżat minn*** attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura spazjali***, u*** l-impatt tal-attivitajiet fl-ispazju ***fuq l-orbiti qed iqajmu dejjem aktar*** tħassib ***dwar*** is-sikurezza, ir-reżiljenza u ***l-użu sikur u effiċjenti tal-orbiti***, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni internazzjonali***,*** u ***dan iħalli*** lakuna regolatorja.

Or. en

Emenda 694
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ir-riskju ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali ***kif ukoll l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju*** jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.	(7) Madankollu, la l-OST u lanqas xi trattat internazzjonali ieħor tal-qafas regolatorju tan-NU għall-ispazju ma jipprevedu regoli speċifiċi u dettaljati li jindirizzaw ir-riskji emerġenti assoċjati maż-żieda fl-attivitajiet fl-ispazju. Il-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul adottati min-NU jipprovdu qafas ta' azzjonijiet għall-entitajiet nazzjonali u reġjonali biex tkun żgurata l-protezzjoni futura tal-orbiti. Iżda minbarra dawn il-linji gwida mhux vinkolanti, il-konġestjoni tal-orbiti, ir-riskju ta' kolliżjoni, ***u r-riskju*** ta' tfixkil tas-servizzi spazjali minħabba attakki ċibernetiċi mwettqa fuq l-infrastruttura spazjali jikkostitwixxu raġuni dejjem akbar ta' tħassib dwar is-sikurezza ***u r-reżiljenza*** tal-attivitajiet fl-ispazju ***u għall-użu sikur u effiċjenti tal-ambjent orbitali***, li għalihom m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell internazzjonali u b'hekk titħalla lakuna regolatorja.

Or. en

Emenda 695
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-espansjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa fl-Unjoni u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju

armonizzat li jirregola tali attivitajiet fil-livell tal-Unjoni jżidu l-ħtieġa ta' rappreżentazzjoni koerenti tal-interessi tal-Unjoni f'fora internazzjonali. Filwaqt li l-liġi spazjali internazzjonali, b'mod partikolari t-Trattat dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u fl-Użu tal-Ispazju Ekstratmosferiku u l-konvenzjonijiet relatati tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-responsabbiltà internazzjonali u r-reġistrazzjoni ta' oġġetti spazjali, hija primarjament indirizzata lill-Istati, l-integrazzjoni progressiva tal-attivitajiet fl-ispazju fis-suq intern tal-Unjoni tiġġustifika rwol imsaħħaħ għall-Unjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli internazzjonali. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-qafas regolatorju tal-Unjoni u r-reġim legali internazzjonali applikabbli għall-attivitajiet fl-ispazju, u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fir-rappreżentazzjoni esterna tal-interessi relatati mal-ispazju, l-Unjoni jenħtieġ li, f'konformità mal-kompetenzi tagħha skont it-Trattati, tkun tista' tinvolvi ruħha fil-ftehimiet u fil-proċessi internazzjonali rilevanti li jirregolaw l-attivitajiet fl-ispazju, inklużi dawk relatati mar-responsabbiltà internazzjonali u r-reġistrazzjoni ta' oġġetti spazjali, u tikkontribwixxi għalihom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-liġi spazjali internazzjonali tassenja r-responsabbiltà tal-Istat għall-attivitajiet fl-ispazju, iżda l-operaturi kummerċjali tal-UE issa joperaw skont ir-regoli tal-Unjoni minflok 27 qafas nazzjonali diverġenti. Ir-rappreżentazzjoni frammentata f'fora internazzjonali — il-COPUOS tan-NU, il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà, il-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni — iddgħajjef il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Ewropa u toħloq inċertezza legali. Hekk kif l-Unjoni tarmonizza s-suq intern spazjali tagħha, rwol koerenti tal-Unjoni fil-qafas legali internazzjonali huwa l-estensjoni loġika u r-raġunament politiku għall-Artikolu 107a.

Emenda 696

Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jpoġġi lill-Unjoni f'pożizzjoni bħala l-mexxejja fl-istandards għoljin ta' reżiljenza, sostenibbiltà u sigurtà tal-attivitajiet fl-ispazju. F'kuntest ta' multiplikazzjoni ta' atturi u intensifikazzjoni tal-użi tal-ispazju ekstratmosferiku, huwa essenzjali li l-Unjoni tistabbilixxi qafas regolatorju eżemplari, li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-infrastrutturi spazjali, il-preżervazzjoni tal-ambjent spazjali u s-sikurezza tal-operazzjonijiet. Għal dan l-għan, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jieħdu l-inizjattiva li jiżviluppaw u jippromwovu trattati internazzjonali bbażati fuq il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, sabiex tiġi promossa konverġenza tal-istandards fil-livell dinji u jiġi żgurat użu paċifiku, sikur u sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku.

Or. fr

Emenda 697
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) L-oqfsa legali internazzjonali li jirregolaw l-ispazju ekstratmosferiku, żviluppati f'kuntest storiku u teknoloġiku tassew differenti, ma għadhomx adegwati biex jirrispondu għall-isfidi kontemporanji marbuta mal-intensifikazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju u d-diversifikazzjoni tal-atturi. Jidher

għalhekk li huwa meħtieġ li titħeġġeġ ir-reviżjoni tagħhom u l-implimentazzjoni tagħhom sabiex jiġu integrati fihom prinċipji bl-għan li jillimitaw il-militarizzazzjoni tal-ispazju ekstratmosferiku għall-minimu assolut, jippromwovu s-sobrjetà tal-użu tar-riżorsi orbitali u jipprevjenu l-proliferazzjoni mhux ikkontrollata tal-attivitajiet fl-ispazju. Għal dan l-għan, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jappoġġaw b'mod attiv l-inizjattivi internazzjonali maħsuba biex isaħħu l-governanza globali tal-ispazju, abbażi tar-rekwiżiti u l-objettivi ddefiniti minn dan ir-Regolament, sabiex jiġi ggarantit użu paċifiku, sostenibbli u responsabbli tal-ispazju għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Or. fr

Emenda 698
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, is-siti u l-operazzjonijiet tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.	(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali***. Dawn il-bażijiet jenħtieġ li jinżammu u jiġu mfakkra biex jiġi żgurat użu tal-ispazju paċifiku u li jaqdi l-interess ġenerali***. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, is-siti u l-operazzjonijiet tal-illanċjar, il-lanċjaturi u

s-satelliti abbord.

Or. fr

Emenda 699
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, ***is-siti u l-operazzjonijiet*** tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.	(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, ***il-vetturi*** tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.

Or. en

Emenda 700
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-	(8) Barra minn hekk, it-trattati internazzjonali dwar l-ispazju jmorru lura għal żmien meta l-liġi dwar l-ispazju kienet fl-istadju bikri tagħha u jistabbilixxu l-

pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza***, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà***, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, is-siti u l-operazzjonijiet tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.	pedament għal qafas ġenerali ta' prinċipji u obbligi ġenerali. Meta ma kienx hemm normi tekniċi aġġornati u dettaljati biex jiġu indirizzati r-riskji emerġenti għas-sikurezza ***u r-reżiljenza***, l-Istati Membri ħaddmu approċċi regolatorji u tal-awtorizzazzjoni tagħhom stess, b'regoli differenti li jkopru l-operazzjonijiet satellitari, is-siti u l-operazzjonijiet tal-illanċjar, il-lanċjaturi u s-satelliti abbord.

Or. en

Emenda 701
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex l-ispazju jiġi ppreżervat bħala ben komuni li jaqdi l-interess ġenerali, jeħtieġ li tiġi eskluża kwalunkwe attività ta' turiżmu spazjali, kemm jekk tkun individwali kif ukoll jekk kollettiva, dment li ma taqax fil-viżjoni Ewropea tal-ġestjoni kondiviża u l-użu komuni tal-ispazju.

Or. fr

Emenda 702
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Fil-qafas tal-proliferazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fid-dinja, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiggarantixxi l-identità spazjali Ewropea, ibbażata fuq l-

	użi mmirati lejn l-interess ġenerali u s-servizz pubbliku. Għal dan l-għan, jeħtieġ li tiġi stabbilita prijoritizzazzjoni bejn l-attivitajiet fl-ispazju differenti rilevanti għal dawn il-prinċipji meta mqabbla ma' dawk rilevanti għal prattiki kummerċjali jew li jaqdu l-interessi privati.

Or. fr

Emenda 703
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dawn l-approċċi għandhom objettiv komuni, jiġifieri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-Istati Membri qed jagħrfu l-importanza li ***jippreservaw*** is-sikurezza tal-orbiti u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal użu ottimali u sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku. ***Iżda dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju jvarjaw bejniethom mil-lat ta' firxa u profondità tar-rekwiżiti speċifiċi li jindirizzaw ir-riskji għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju. F'dan ir-rigward, l-approċċi tal-Istati Membri jvarjaw minn pożizzjonijiet normattivi minimalisti għal pożizzjonijiet normattivi dettaljati. Rekwiżiti nazzjonali diverġenti jistgħu jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern u jnaqqsu ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operaturi spazjali tal-Unjoni.***	(9) Dawn l-approċċi għandhom objettiv komuni, jiġifieri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-Istati Membri qed jagħrfu l-importanza li ***jippreżervaw*** is-sikurezza tal-orbiti u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal użu ottimali u sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku.

Or. en

Emenda 704
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dawn l-approċċi għandhom objettiv komuni, jiġifieri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-Istati Membri qed jagħrfu l-importanza li jippreservaw is-sikurezza tal-orbiti u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal użu ottimali u sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku. Iżda dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju jvarjaw bejniethom mil-lat ta' firxa u profondità tar-rekwiżiti speċifiċi li jindirizzaw ir-riskji għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju. F'dan ir-rigward, l-approċċi tal-Istati Membri jvarjaw minn pożizzjonijiet normattivi minimalisti għal pożizzjonijiet normattivi dettaljati. Rekwiżiti nazzjonali diverġenti jistgħu ***jwasslu għall-frammentazzjoni tas-suq intern u*** jnaqqsu ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operaturi spazjali tal-Unjoni.	(9) Dawn l-approċċi għandhom objettiv komuni, jiġifieri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni biex jindirizzaw ir-riskji msemmija hawn fuq. Għalhekk, l-Istati Membri qed jagħrfu l-importanza li jippreservaw is-sikurezza tal-orbiti u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, b'kunsiderazzjoni xierqa għal użu ottimali u sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku. Iżda dawn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar l-ispazju jvarjaw bejniethom mil-lat ta' firxa u profondità tar-rekwiżiti speċifiċi li jindirizzaw ir-riskji għas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju. F'dan ir-rigward, l-approċċi tal-Istati Membri jvarjaw minn pożizzjonijiet normattivi minimalisti għal pożizzjonijiet normattivi dettaljati. Rekwiżiti nazzjonali diverġenti jistgħu jnaqqsu ċ-ċertezza legali meħtieġa mill-operaturi spazjali tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 705
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba f'hekk, madwar l-Unjoni qed jitfaċċaw bosta oqfsa frammentati tal-attivitajiet fl-ispazju, xprunati minn varjetà ta' normi	***imħassar***

b'diskrepanzi fil-livell tad-dettall tagħhom li jwasslu wkoll għal nuqqas ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 706
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba f'hekk, madwar l-Unjoni qed jitfaċċaw bosta oqfsa frammentati tal-attivitajiet fl-ispazju, xprunati minn varjetà ta' normi b'diskrepanzi fil-livell tad-dettall tagħhom li jwasslu wkoll għal nuqqas ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri.	(10) Minħabba f'hekk, madwar l-Unjoni qed jitfaċċaw bosta oqfsa frammentati tal-attivitajiet fl-ispazju, xprunati minn varjetà ta' normi b'diskrepanzi fil-livell tad-dettall tagħhom li jwasslu wkoll għal nuqqas ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri. ***Għalhekk, il-miżuri regolatorji nazzjonali jirriflettu, minn naħa waħda, il-prerogattivi sovrani tal-Istati Membri, iżda wkoll l-obbligi internazzjonali tagħhom, minħabba l-objettiv li tiġi żgurata l-konformità tal-attivitajiet spazjali mar-regoli tal-liġi internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti mit-trattati rilevanti.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-attivitajiet spazjali jmorru lil hinn mill-konfini tal-istati individwali u għalhekk huwa neċessarju li tiġi żgurata l-kooperazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali f'konformità mat-trattati eżistenti.

Emenda 707
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(10a) Il-kompetittività tal-industrija spazjali tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-importanza strateġika tal-kuntratturi ewlenin Ewropej u l-katini tal-provvista tagħhom, tikkostitwixxi objettiv ta' dan ir-Regolament. Il-qafas regolatorju stabbilit minn dan ir-Regolament ma għandux ipoġġi lill-operaturi spazjali tal-Unjoni fi żvantaġġ strutturali meta mqabbla mal-kompetituri minn pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għal obbligi ekwivalenti.

Or. en

Emenda 708
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 709
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fl-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fl-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni. ***Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi pubbliċi u privati sabiex tiġi appoġġata ekosistema spazjali robusta li tkun kapaċi tirrispondi għall-isfidi attwali u futuri.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżviluppi teknoloġiċi attwali jeħtieġu kooperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti f'dan il-qasam bil-għan li jiġu żviluppati u implimentati proġetti fuq skala kbira.

Emenda 710
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ***fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju,*** tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju	(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.

ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 711
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew ***tal-impatt ambjentali*** tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.	(11) Il-frammentazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni fir-rigward ta' elementi ewlenin tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, jew fir-rigward tar-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku meta jiġu pprovduti servizzi spazjali, jew ***tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali*** tal-attivitajiet fl-ispazju, tista' tħalli impatt negattiv fuq il-libertà tal-forniment ta' data bbażata fuq l-ispazju ġġenerata mill-infrastruttura spazjali u tal-forniment u l-allokazzjoni ta' servizzi spazjali fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 712
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-assi tipiċi tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, li ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi	(12) L-assi tipiċi tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, li ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi

stabbiliti f'xi leġiżlazzjonijiet jistgħu jitwaqqfu milli jintużaw fis-suq intern tas-servizzi spazjali. ***Xi Stati Membri pereżempju għażlu li għal raġunijiet ta' sikurezza jimponu rekwiżiti aktar stretti fuq id-disinn tas-satelliti, fir-rigward tas-satelliti awtorizzati għall-illanċjar skont il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra. Din*** id-diverġenza mhux biss tista' tagħmel il-kummerċ transfruntier aktar diffiċli għall-kumpaniji li jfornu s-satelliti, iżda l-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni stretta fuq ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jistgħu jagħżlu li ma jippermettux illanċjar mit-territorju tagħhom ta' ***satelliti*** awtorizzati għall-operazzjoni fi Stati Membri soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza inqas stretti. Bl-istess mod, ***meta r-rekwiżiti*** tas-sorveljanza u t-traċċar ***qabel u wara l-illanċjar tas-satelliti,*** jew ***meta ċerti*** regoli speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku ***jkunu ġew stabbiliti f'xi Stati Membri biss***, il-forniment tas-servizzi spazjali, bħas-servizzi tal-operazzjoni u tal-illanċjar madwar is-suq intern jaf jiġi affettwat ħażin.

stabbiliti f'xi leġiżlazzjonijiet jistgħu jitwaqqfu milli jintużaw fis-suq intern tas-servizzi spazjali. Id-diverġenza ***fir-rekwiżiti nazzjonali*** mhux biss tista' tagħmel il-kummerċ transfruntier aktar diffiċli għall-kumpaniji li jfornu s-satelliti, iżda l-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni stretta fuq ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jistgħu jagħżlu li ma jippermettux illanċjar ***jew operazzjoni*** mit-territorju tagħhom ta' ***inġenji spazjali*** awtorizzati għall-operazzjoni fi Stati Membri soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza inqas stretti. Bl-istess mod, ***xi Stati Membri biss stabbilew rekwiżiti*** tas-sorveljanza u t-traċċar jew regoli speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku, il-forniment tas-servizzi spazjali, bħas-servizzi tal-operazzjoni u tal-illanċjar madwar is-suq intern jaf jiġi affettwat ħażin.

Or. en

Emenda 713
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-assi tipiċi tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, li ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'xi leġiżlazzjonijiet jistgħu jitwaqqfu milli jintużaw fis-suq intern tas-servizzi spazjali. Xi Stati Membri pereżempju għażlu li għal raġunijiet ta' sikurezza jimponu rekwiżiti aktar stretti fuq id-disinn ***tas-satelliti, fir-rigward tas-***	(12) L-assi tipiċi tal-infrastruttura spazjali, bħall-inġenji spazjali, li ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti f'xi leġiżlazzjonijiet jistgħu jitwaqqfu milli jintużaw fis-suq intern tas-servizzi spazjali. Xi Stati Membri pereżempju għażlu li għal raġunijiet ta' sikurezza jimponu rekwiżiti ***ta' awtorizzazzjoni*** aktar stretti fuq id-disinn

satelliti awtorizzati għall-illanċjar skont il-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra. Din id-diverġenza mhux biss tista' tagħmel il-kummerċ transfruntier aktar diffiċli għall-kumpaniji li jfornu ***s-satelliti***, iżda l-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni stretta fuq ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jistgħu jagħżlu li ma jippermettux illanċjar mit-territorju tagħhom ta' ***satelliti*** awtorizzati għall-operazzjoni fi Stati Membri soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza inqas stretti. Bl-istess mod, meta ***r-rekwiżiti*** tas-sorveljanza u t-traċċar ***qabel u wara l-illanċjar tas-satelliti, jew meta ċerti regoli speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku jkunu ġew stabbiliti f'xi Stati Membri biss***, il-forniment tas-servizzi spazjali, bħas-servizzi tal-operazzjoni u tal-illanċjar madwar is-suq intern jaf jiġi affettwat ħażin.

tal-inġenji spazjali milli l-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri oħra. Din id-diverġenza mhux biss tista' tagħmel il-kummerċ transfruntier aktar diffiċli għall-kumpaniji li jfornu ***l-inġenji spazjali***, iżda l-Istati Membri li jieħdu pożizzjoni stretta fuq ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tas-sikurezza jistgħu jagħżlu li ma jippermettux illanċjar ***jew operazzjoni*** mit-territorju tagħhom ta' ***inġenji spazjali*** awtorizzati għall-operazzjoni fi Stati Membri soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza inqas stretti. Bl-istess mod, meta ***xi Stati Membri biss ikunu stabbilew rekwiżiti*** tas-sorveljanza u t-traċċar, il-forniment tas-servizzi spazjali, bħas-servizzi tal-operazzjoni u tal-illanċjar madwar is-suq intern jaf jiġi affettwat ħażin.

Or. en

Emenda 714
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-ostakli jaf iħallu impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fl-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. Peress li s-servizzi spazjali jiddependu fuq data bbażata fl-ispazju li tiġi ġġenerata permezz u bl-użu tal-assi tal-infrastruttura spazjali, il-forniment tas-servizzi spazjali jiddependi fuq il-livelli tas-sikurezza u tar-reżiljenza tal-assi tal-infrastruttura spazjali.	(13) Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-ostakli jaf iħallu impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fl-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. Peress li s-servizzi spazjali jiddependu fuq data bbażata fl-ispazju li tiġi ġġenerata permezz u bl-użu tal-assi tal-infrastruttura spazjali, il-forniment tas-servizzi spazjali jiddependi fuq il-livelli tas-sikurezza u tar-reżiljenza tal-assi tal-infrastruttura spazjali. ***Għalhekk, huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-atturi rilevanti jieħdu miżuri kkoordinati biex isaħħu s-sigurtà, l-interoperabbiltà u r-reżiljenza ta' dik l-infrastruttura. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' standards komuni, l-iskambju***

effiċjenti ta' informazzjoni u l-investiment f'teknoloġiji innovattivi jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet u tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi spazjali fl-Unjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Is-sigurtà tal-infrastruttura spazjali hija essenzjali għall-atturi kollha involuti, u huwa għalhekk li huma meħtieġa standards komuni għall-investiment f'teknoloġiji innovattivi.

Emenda 715
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Fl-aħħar mill-aħħar, dawn l-ostakli jaf iħallu impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni.*** Peress li s-servizzi spazjali jiddependu fuq data bbażata fuq l-ispazju li tiġi ġġenerata permezz u bl-użu tal-assi tal-infrastruttura spazjali, il-forniment tas-servizzi spazjali jiddependi fuq il-livelli tas-sikurezza u tar-reżiljenza tal-assi tal-infrastruttura spazjali.	(13) Peress li s-servizzi spazjali jiddependu fuq data bbażata fuq l-ispazju li tiġi ġġenerata permezz u bl-użu tal-assi tal-infrastruttura spazjali, il-forniment tas-servizzi spazjali jiddependi fuq il-livelli tas-sikurezza u tar-reżiljenza tal-assi tal-infrastruttura spazjali.

Or. en

Emenda 716
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Ir-rekwiżiti li jinvolvu kostijiet ogħla, bħar-rekwiżiti tad-disinn biex	***imħassar***

jevitaw il-proliferazzjoni ta' residwi spazjali, jew il-valutazzjonijiet tar-riskju maħsuba biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà fuq id-diversi segmenti tal-infrastruttura spazjali, jistgħu jħeġġu lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ifittxu li jistabbilixxu ruħhom f'ġurisdizzjonijiet b'rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni inqas stretti.

Or. fr

Emenda 717
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Ir-rekwiżiti li jinvolvu kostijiet oġħla, bħar-rekwiżiti tad-disinn biex jevitaw il-proliferazzjoni ta' residwi spazjali, jew il-valutazzjonijiet tar-riskju maħsuba biex jiżguraw iċ-ċibersigurtà fuq id-diversi segmenti tal-infrastruttura spazjali, jistgħu jħeġġu*** lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ifittxu li jistabbilixxu ruħhom ***f'ġurisdizzjonijiet b'rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni inqas stretti***.	(14) ***Qafas legali frammentat jista' jħeġġeġ*** lill-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ifittxu li jistabbilixxu ruħhom ***f'ġuriżdizzjonijiet oħra. L-introduzzjoni ta' rekwiżiti tal-UE ambizzjużi se tgħin lill-kumpaniji tal-UE jikkompetu f'suq globali b'domanda akbar għal standards spazjali sikuri, siguri u sostenibbli***. ***L-istandards tal-impronta ambjentali tal-UE se jixprunaw l-innovazzjoni fit-teknoloġiji sostenibbli tal-ispazju, jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzi sostenibbli u fl-aħħar mill-aħħar iżidu l-kompetittività u jibnu l-kunfidenza fis-suq. Il-fatt li l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw ukoll għal kumpaniji mhux Ewropej li jixtiequ joperaw fis-suq uniku se joħloq ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji Ewropej u dawk mhux Ewropej.***

Or. en

Emenda 718
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni aktarx li se tintensifika, u dan meta wieħed iqis l-għadd dejjem akbar ta' operaturi spazjali tal-Unjoni, l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet għal-lanċjaturi, u ta' Stati Membri li qed jippjanaw li jiżviluppaw kapaċitajiet tal-illanċjar. F'dan l-isfond, kundizzjonijiet diverġenti fir-reġimi nazzjonali tal-awtorizzazzjoni aktarx joħolqu aktar ostakli fis-settur spazjali, b'impatt fuq il-kontinwità tal-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u l-forniment ta' servizzi spazjali li min-naħa tagħhom jappoġġaw bosta oqsma ta' attività fis-suq intern, inkluż setturi u infrastruttura kritiċi.	(15) In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni aktarx li se tintensifika, u dan meta wieħed iqis l-għadd dejjem akbar ta' operaturi spazjali tal-Unjoni, l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet għal-lanċjaturi, u ta' Stati Membri li qed jippjanaw li jiżviluppaw kapaċitajiet tal-illanċjar. F'dan l-isfond, kundizzjonijiet diverġenti fir-reġimi nazzjonali tal-awtorizzazzjoni aktarx joħolqu aktar ostakli fis-settur spazjali, b'impatt fuq il-kontinwità tal-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u l-forniment ta' servizzi spazjali li min-naħa tagħhom jappoġġaw bosta oqsma ta' attività fis-suq intern, inkluż setturi u infrastruttura kritiċi. ***Il-kooperazzjoni mtejba bejn is-setturi pubbliċi u privati hija essenzjali għall-iżvilupp ta' ekosistema spazjali robusta li tista' tirrispondi għall-isfidi attwali u futuri.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżviluppi teknoloġiċi attwali jeħtieġu kooperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti f'dan il-qasam bil-għan li jiġu żviluppati u implimentati proġetti fuq skala kbira.

Emenda 719
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni aktarx li se	(15) In-natura transfruntiera tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni aktarx li se

tintensifika, u dan meta wieħed iqis l-għadd dejjem akbar ta' operaturi spazjali tal-Unjoni, l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' lanċjaturi, u ta' Stati Membri li qed jippjanaw li jiżviluppaw kapaċitajiet tal-illanċjar. F'dan l-isfond, kundizzjonijiet diverġenti fir-reġimi nazzjonali tal-awtorizzazzjoni ***aktarx*** joħolqu aktar ostakli fis-settur spazjali, b'impatt fuq il-kontinwità tal-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u l-forniment ta' servizzi spazjali li min-naħa tagħhom jappoġġaw bosta oqsma ta' attività fis-suq intern, inkluż setturi u infrastruttura kritiċi.	tintensifika, u dan meta wieħed iqis l-għadd dejjem akbar ta' operaturi spazjali tal-Unjoni, l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' lanċjaturi, u ta' Stati Membri li qed jippjanaw li jiżviluppaw kapaċitajiet tal-illanċjar. F'dan l-isfond, kundizzjonijiet diverġenti fir-reġimi nazzjonali tal-awtorizzazzjoni ***jistgħu*** joħolqu aktar ostakli fis-settur spazjali, b'impatt fuq il-kontinwità tal-provvista ta' data bbażata fuq l-ispazju u l-forniment ta' servizzi spazjali li min-naħa tagħhom jappoġġaw bosta oqsma ta' attività fis-suq intern, inkluż setturi u infrastruttura kritiċi.
	Or. en

Emenda 720
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Għalhekk, biex jitħares u jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli obbligatorji uniformi, effettivi u proporzjonati li jarmonizzaw l-aspetti ewlenin tas-servizzi spazjali fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell tal-Unjoni, biex ikun żgurat forniment bla xkiel ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fis-suq intern kollu.	(16) Għalhekk, biex jitħares u jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli obbligatorji uniformi, effettivi u proporzjonati li jarmonizzaw l-aspetti ewlenin tas-servizzi spazjali fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell tal-Unjoni, biex ikun żgurat forniment bla xkiel ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fis-suq intern kollu. ***Dawn ir-regoli komuni Ewropej jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll rekwiżiti ċari għas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn u jipprevjenu l-frammentazzjoni regolatorja fost l-Istati Membri.***
	Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-attivitajiet spazjali huma attivitajiet fuq skala kbira li jirrikjedu kooperazzjoni fost l-atturi kollha involuti u regoli xierqa biex jiżguraw is-sigurtà u s-sostenibbiltà ta' dawk l-attivitajiet.

Emenda 721
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Għalhekk, biex jitħares u jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli ***obbligatorji*** uniformi, effettivi u proporzjonati li jarmonizzaw l-aspetti ewlenin ***tas-servizzi spazjali fil-kuntest*** tal-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell tal-Unjoni, biex ikun żgurat forniment bla xkiel ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fis-suq intern kollu.	(16) Għalhekk, biex jitħares u jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' regoli uniformi, effettivi u proporzjonati li jarmonizzaw l-aspetti ewlenin tal-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fil-livell tal-Unjoni, biex ikun żgurat forniment bla xkiel ta' data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fis-suq intern kollu.

Or. en

Emenda 722
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu applikati b'mod proporzjonat, filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati ma' kull attività spazjali u d-daqs u l-kapaċitajiet tal-operatur. Piżijiet regolatorji sproporzjonati jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea u jfixklu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fl-ispazju. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tevita li tpoġġi lill-operaturi

spazjali tal-Unjoni fi żvantaġġ strutturali meta mqabbla mal-kompetituri globali, filwaqt li tiżgura l-ilħuq tal-objettivi tagħha tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali.

Or. en

Emenda 723
Paolo Borchia, András Gyürk, Silvia Sardone, Jorge Martín Frías, Raffaele Stancanelli, Aleksandar Nikolic, Isabella Tovaglieri, Mélanie Disdier, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Barbara Bonte, Pascale Piera

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu applikati b'mod proporzjonat, filwaqt li jitqiesu r-riskji assoċjati ma' kull attività spazjali u d-daqs u l-kapaċitajiet tal-operatur. Pożijiet regolatorji sproporzjonati jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea u jfixklu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fl-ispazju. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tevita li tpoġġi lill-operaturi spazjali tal-Unjoni fi żvantaġġ strutturali meta mqabbla mal-kompetituri globali, filwaqt li tiżgura l-kisba tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tagħha.

Or. en

Emenda 724
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti	***imħassar***

ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-forniturituri tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali.

Or. fr

Emenda 725
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-forniturituri tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali.	(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-forniturituri tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali. ***L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja kif ukoll l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw permezz ta' pjż amministrattiv simplifikat u mnaqqas, appoġġ speċjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u aċċess għall-finanzjament tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 726
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-forniturі tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali.	(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li tiġi stimulata billi l-forniturі tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali ***filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni msaħħa tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni permezz tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv, l-aċċess imtejjeb għall-finanzi, u opportunitajiet ġusti fil-ktajjen tal-valur spazjali Ewropej***.

Or. en

Emenda 727
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni jenħtieġ li ***tiġi stimulata*** billi l-forniturі tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali.	(17) Billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin newtrali għat-teknoloġija, l-innovazzjoni ***u l-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew*** jenħtieġ li ***jiġu stimulati*** billi l-forniturі tas-servizzi spazjali jiġu offruti aċċess għal swieq attwali u potenzjali ġodda, li jirriżulta f'għażla akbar għall-utenti finali ***u joħloq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-libertà tal-operaturi li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja mingħajr fruntieri, jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ sostenibbli u ġust bejn il-libertà tad-diversi operaturi u atturi fil-qasam li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi.

Emenda 728
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jinżamm livell għoli ta' sikurezza, reżiljenza, u sostenibbiltà ambjentali tal-infrastruttura spazjali, il-qafas regolatorju armonizzat għall-attivitajiet fl-ispazju jrid jiggarantixxi wkoll kundizzjonijiet ekwi u jipprevjeni distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Għalhekk, ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-fornituri kollha tas-servizzi spazjali li joffru data jew servizzi bbażati fuq l-ispazju fl-Unjoni. Dan jinkludi fornituri stabbiliti fl-Unjoni, li huma soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni, kif ukoll fornituri ta' servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Fejn dawn tal-aħħar jipprovdu servizzi jew data fl-Unjoni, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ekwivalenti rigward ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni biex jiġi żgurat li l-atturi kollha, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment jew l-istatus legali tagħhom, isegwu l-istess standards ta' sikurezza u sostenibbiltà. Tali applikazzjoni uniformi tar-regoli hija essenzjali biex tiġi żgurata l-integrità tas-suq intern u l-vijabbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju għall-benefiċċju tal-umanità kollha.

Or. en

Emenda 729
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-operat fis-suq intern, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-operaturi spazjali tal-Unjoni kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi spazjali ta' pajjiżi terzi fejn jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali lill-Unjoni. Is-sempliċi disponibbiltà jew il-bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni ta' data bbażata fuq l-ispazju li toriġina barra mill-Unjoni, mingħajr ebda rabta operazzjonali, teknika jew superviżorja mal-Unjoni, ma tistax fiha nnifisha titqies bħala li turi konnessjoni sostanzjali mas-suq intern għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 730
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Sabiex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju. L-oġġetti spazjali li jintużaw biss parzjalment għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, għal finijiet ta' difiża, għall-perjodu biss tal-missjoni spazjali rispettiva

mwettqa mill-forzi militari. F'każijiet bħal dawn, sta għal kull Stat Membru biex jiddetermina, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk dak l-oġġett spazjali jkunx jaqa' taħt dik l-esklużjoni.

Or. en

Emenda 731
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 17c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17c) Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-materji kollha relatati mas-sigurtà nazzjonali, li jestendu wkoll għal każijiet meta l-Istati Membri jkunu jeħtieġu, għall-finijiet u l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza tas-sigurtà nazzjonali, li jeżegwixxu operazzjonijiet spazjali speċifiċi, pereżempju billi jieħdu kontroll ta' oġġett spazjali fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 732
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) F'każijiet limitati biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti	***imħassar***

stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku, tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.

Or. fr

Emenda 733
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) F'każijiet limitati biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku, tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 734
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) F'każijiet limitati biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tingħata setgħat ta' implimentazzjoni*** biex meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku, tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.	(18) ***Illum, il-kapaċitajiet tal-illanċjar tal-Ewropa mhumiex biżżejjed. L-Unjoni tiddependi wisq minn partijiet terzi f'dan il-qasam. Għal din ir-raġuni, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fil-kapaċitajiet tal-illanċjar Ewropej u tespandi b'mod sinifikanti l-aċċess tagħha għall-ispazju.*** F'każijiet limitati biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku. Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tadotta deċiżjoni*** biex meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku, tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 735
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) F'każijiet ***limitati*** biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar ***meta dan ikun iġġustifikat mill-interess pubbliku***. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex ***meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni tal-interess pubbliku,*** tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.	(18) F'każijiet ***ġustifikati u eċċezzjonali*** biss, meta titqies l-importanza strateġika għall-Unjoni jew għall-Istati Membri biex ikollhom aċċess għal ċerti servizzi spazjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-servizzi tal-illanċjar. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tagħti deroga lill-operatur tal-illanċjar rispettiv tal-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 736
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fl-istess ħin, jaf ikun hemm bżonn azzjoni malajr f'każijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi, b'mod eċċezzjonali u temporanju, biex jintużaw data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali pprovduti minn fornituri tas-servizzi spazjali li ma jkunux irreġistrati fl-Unjoni.	(19) Fl-istess ħin, jaf ikun hemm bżonn azzjoni malajr f'każijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi, b'mod eċċezzjonali u temporanju, biex jintużaw data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali pprovduti minn fornituri tas-servizzi spazjali li ma jkunux irreġistrati fl-Unjoni***, bil-kundizzjoni li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ċari u trasparenti biex jippermettu aċċess immedjat għal dawn ir-riżorsi filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti essenzjali tas-sigurtà, il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data***. ***Tali miżuri jenħtieġ li jkunu strettament limitati għat-tul ta' żmien u l-ambitu meħtieġa għall-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal salvagwardji xierqa u kontroll, sabiex jiġi evitat l-użu ħażin tagħhom u jiġi żgurat ritorn rapidu għas-sistema standard.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li huwa impossibbli li wieħed ibassar meta se jinqalgħu emerġenzi, hemm bżonn ta' mekkaniżmi ċari u trasparenti biex jiżguraw is-sigurtà, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Emenda 737
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reġim ta' awtorizzazzjoni biex jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sikurezza u tar-reżiljenza ta' servizzi spazjali tipiċi li, pereżempju, jkunu relatati mal-operat ta' inġenju spazjali, il-forniment ta' servizzi tal-illanċjar, u l-operat u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awtorizzati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], filwaqt li l-operaturi spazjali ***tal-Unjoni*** li joperaw assi li mhumiex assi tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri.	(20) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reġim ta' awtorizzazzjoni biex jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sikurezza u tar-reżiljenza ta' servizzi spazjali tipiċi li, pereżempju, jkunu relatati mal-operat ta' inġenju spazjali, il-forniment ta' servizzi tal-illanċjar, u l-operat u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awtorizzati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li l-operaturi spazjali li joperaw assi li mhumiex assi tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri. ***Fit-tul, biex jitnaqqas ir-riskju ta' gold-plating u frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Aġenzija ssir aġenzija spazjali sħiħa, inkarigata bid-disinn, l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-assi spazjali tal-UE, u bir-reġim ta' awtorizzazzjoni relatat mal-operazzjoni tal-inġenji spazjali, il-provvista ta' servizzi tal-illanċjar u l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar.***
[5] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj)	***[5] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj)***

Or. en

Emenda 738

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Il-forniturі tas-servizzi*** spazjali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reġim ta' awtorizzazzjoni biex jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sikurezza u tar-reżiljenza ta' servizzi spazjali tipiċi li, pereżempju, jkunu relatati mal-operat ta' inġenju spazjali, il-forniment ta' servizzi tal-illanċjar, u l-operat u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awtorizzati ***mill-Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], filwaqt li l-operaturi spazjali tal-Unjoni li joperaw assi li mhumiex assi tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri.	(20) ***L-operaturi*** spazjali stabbiliti fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal reġim ta' awtorizzazzjoni biex jindirizzaw aspetti ewlenin tas-sikurezza u tar-reżiljenza ta' servizzi spazjali tipiċi li, pereżempju, jkunu relatati mal-operat ta' inġenju spazjali, il-forniment ta' servizzi tal-illanċjar, u l-operat u l-manutenzjoni ta' siti tal-illanċjar. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu awtorizzati ***mill-Kummissjoni, bil-valutazzjoni teknika tal-Aġenzija*** tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali ("l-Aġenzija") stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], filwaqt li l-operaturi spazjali tal-Unjoni li joperaw assi li mhumiex assi tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati mill-Istati Membri.
[5] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj)	[5] Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj)

Or. en

Emenda 739
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Meta t-tfixkil, id-degradazzjoni, iċ-ċaħda, il-manipulazzjoni jew it-telf tal-kontroll effettiv ta' ċerti attivitajiet fl-ispazju jistgħu jaffettwaw serjament is-sigurtà pubblika, is-sikurezza pubblika, il-protezzjoni ċivili, il-kontinwità governattiva, l-infrastruttura kritika, is-servizzi essenzjali, il-programmi spazjali tal-Unjoni jew ir-reżiljenza tal-ekonomija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Aġenzija tivverifika, bħala parti mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni, li l-operatur iżomm kontroll effettiv fl-Unjoni fuq il-funzjonijiet essenzjali għat-twettiq, il-kontinwità, is-sigurtà u l-irkupru tal-attività spazjali rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' awtorizzazzjoni bħalissa ma tindirizzax ir-riskju ta' kontroll operazzjonali kritiku fuq l-assi spazjali rreġistrati fl-UE li qed jiġi eżerċitat minn barra l-Unjoni. B'mod parallel mal-loġika ta' skrinjar tal-investiment barrani tal-UE, huwa importanti li l-awtorizzazzjoni ta' attivitajiet fl-ispazju sensittivi għas-sigurtà trid tivverifika kontroll operazzjonali ġenwin fl-Unjoni, u b'hekk tagħlaq ir-riskju ta' arbitraġġ regolatorju maħluq minn strutturi fantażma.

Emenda 740
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-	(21) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-

assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett limitat ta' regoli. Dan jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u swieq ġodda fis-settur spazjali (ekonomija fl-ispazju).

assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett limitat ta' regoli. Dan jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u swieq ġodda fis-settur spazjali (ekonomija fl-ispazju). ***Fil-futur, tista' tiġi prevista sistema ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata ekosistema affidabbli għas-servizzi spazjali tal-CA.***

Or. en

Emenda 741
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati ***bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni*** u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett ***limitat*** ta' regoli. ***Dan jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u swieq ġodda fis-settur spazjali (ekonomija fl-ispazju).***	(21) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati ***bħall-operazzjoni*** u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett ta' regoli.

Or. fr

Emenda 742
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett limitat ta' regoli. ***Dan jippermetti l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u swieq ġodda fis-settur spazjali (ekonomija fl-ispazju).***	(21) Il-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni li jipprovdu servizzi spazjali avvanzati bħall-evitar tal-kolliżjonijiet (CA) jew operazzjoni u servizzi fl-ispazju (ISOS) jappoġġaw is-servizzi spazjali tipiċi u għandhom rwol fil-protezzjoni u fis-sostenibbiltà fit-tul tal-assi tal-infrastruttura spazjali. Għalhekk jixraq li din il-kategorija ta' fornituri emerġenti tas-servizzi spazjali tiġi soġġetta għal sett limitat ta' regoli.

Or. en

Emenda 743
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Meta jitqies li s-servizzi ta' evitar ta' kolliżjoni spazjali huma ta' importanza essenzjali biex jiġu ggarantiti s-sigurtà, is-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ispazju, jeħtieġ li jiġi previst li dawn ma jkunux jistgħu jiġu fdati lil entitajiet li jsegwu interessi kummerċjali. Għalhekk jeħtieġ li l-forniment ta' tali servizzi jiġi rriżervat għal operatur pubbliku uniku magħżul mill-Unjoni, l-uniku wieħed li jintervjeni għall-benefiċċju tal-operaturi spazjali rilevanti tal-ġuriżdizzjoni tiegħu. L-operaturi ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ukoll jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirreġistraw ma' dan l-operatur.

Or. fr

Emenda 744
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jaqdu rwol ewlieni bħala intermedjarji bejn is-setturi upstream u downstream għax dawn jgħaddu d-data bbażata fuq l-ispazju mingħand l-operaturi spazjali lejn id-diversi użi sussegwenti ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju, għall-ġid tal-ekonomija u ċ-ċittadini kollha. F'dak ir-rigward, għalkemm ir-regoli sostantivi li japplikaw għall-operaturi spazjali ma għandhomx japplikaw għalihom, xorta għandhom rwol importanti fis-settur spazjali, billi jaċċertaw li d-data bbażata fuq l-ispazju li tingħadda 'l isfel fil-katina tal-valur tkun oriġinat mingħand operaturi spazjali konformi ma' dan ir-Regolament. ***Għalhekk, l-Aġenzija għandha tfassal lista ta' dawk il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni. Fid-dawl tar-rwol tagħhom ta' intermedjarji, il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jirċievu twissijiet jew ilmenti dwar irregolaritajiet potenzjali fir-rigward tal-użu fl-Unjoni ta' data bbażata fuq l-ispazju, li jwissu direttament lill-fornituri tagħhom jew li jiġbdu l-attenzjoni tal-Aġenzija jew tal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, għal kwalunkwe allegazzjoni dwar data bbażata fuq l-ispazju li potenzjalment tkun oriġinat mingħand operaturi mhux irreġistrati jew mhux konformi u li tista' tintuża fis-suq intern.***	(22) Il-fornituri primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jaqdu rwol ewlieni bħala intermedjarji bejn is-setturi upstream u downstream għax dawn jgħaddu d-data bbażata fuq l-ispazju mingħand l-operaturi spazjali lejn id-diversi użi sussegwenti ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju, għall-ġid tal-ekonomija u ċ-ċittadini kollha. F'dak ir-rigward, għalkemm ir-regoli sostantivi li japplikaw għall-operaturi spazjali ma għandhomx japplikaw għalihom, xorta għandhom rwol importanti fis-settur spazjali, billi jaċċertaw li d-data bbażata fuq l-ispazju li tingħadda 'l isfel fil-katina tal-valur tkun oriġinat mingħand operaturi spazjali konformi ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 745
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-forniturі primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jaqdu rwol ewlieni bħala intermedjarji bejn is-setturi upstream u downstream għax dawn jgħaddu d-data bbażata fuq l-ispazju mingħand l-operaturi spazjali lejn id-diversi użi sussegwenti ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju, għall-ġid tal-ekonomija u ċ-ċittadini kollha. F'dak ir-rigward, għalkemm ir-regoli sostantivi li japplikaw għall-operaturi spazjali ma għandhomx japplikaw għalihom, xorta għandhom rwol importanti fis-settur spazjali, billi jaċċertaw li d-data bbażata fuq l-ispazju li tingħadda 'l isfel fil-katina tal-valur tkun oriġinat mingħand operaturi spazjali konformi ma' dan ir-Regolament. ***Għalhekk, l-Aġenzija għandha tfassal lista ta' dawk*** il-forniturі primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju fl-Unjoni. ***Fid-dawl tar-rwol tagħhom ta' intermedjarji, il-forniturі primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex jirċievu twissijiet jew ilmenti dwar irregolaritajiet potenzjali fir-rigward tal-użu fl-Unjoni ta' data bbażata fuq l-ispazju, li jwissu direttament lill-forniturі tagħhom jew li jiġbdu l-attenzjoni tal-Aġenzija jew tal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, għal kwalunkwe allegazzjoni dwar data bbażata fuq l-ispazju li potenzjalment tkun oriġinat mingħand operaturi mhux irreġistrati jew mhux konformi u li tista' tintuża fis-suq intern.***	(22) Il-forniturі primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju jaqdu rwol ewlieni bħala intermedjarji bejn is-setturi upstream u downstream għax dawn jgħaddu d-data bbażata fuq l-ispazju mingħand l-operaturi spazjali lejn id-diversi użi sussegwenti ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju, għall-ġid tal-ekonomija u ċ-ċittadini kollha. F'dak ir-rigward, għalkemm ir-regoli sostantivi li japplikaw għall-operaturi spazjali ma għandhomx japplikaw għalihom, xorta għandhom rwol importanti fis-settur spazjali, billi jaċċertaw li d-data bbażata fuq l-ispazju li tingħadda 'l isfel fil-katina tal-valur tkun oriġinat mingħand operaturi spazjali konformi ma' dan ir-Regolament. Il-forniturі primarji ta' data bbażata fuq l-ispazju ***jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-data li jipprovdu*** fl-Unjoni ***tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inkluża r-reġistrazzjoni fil-URSA u l-kisba ta' ċertifikat elettroniku***.

Or. en

Emenda 746
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma jwassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-operaturi tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza u d-derogi jenħtieġ li jingħataw biss taħt kundizzjonijiet stretti, trasparenti u verifikabbli. L-operaturi minn pajjiżi terzi jenħtieġ li ma jirċevux vantaġġi tas-suq jekk joperaw f'kundizzjonijiet legali jew tekniċi inqas stretti mill-operaturi fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 747
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(22b) Il-fornituri tas-servizzi tal-SSA tal-Unjoni, inklużi l-atturi industrijali Ewropej, għandhom rwol strateġiku fl-iżgurar tas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju. Il-kapaċitajiet tagħhom fit-traċċar orbitali, l-evitar tal-kolliżjonijiet u l-mitigazzjoni tar-riskju huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekosistema spazjali tal-Unjoni. Biex jitrawmu l-innovazzjoni, l-affidabbiltà operazzjonali u l-awtonomija Ewropea fil-ġestjoni tat-traffiku fl-ispazju, jenħtieġ li dawn il-fornituri jkunu involuti b'mod attiv fl-iżvilupp ta' standards tekniċi u atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-**

Regolament.

Or. en

Emenda 748
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-operat fis-suq intern, ir-regoli għall-forniturі kollha tas-servizzi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-operaturi spazjali ***tal-Unjoni***, għandhom japplikaw sal-punt li d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni.	(23) Biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għall-operat fis-suq intern, ir-regoli għall-forniturі kollha tas-servizzi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-operaturi spazjali, għandhom japplikaw ***għalihom biss*** sal-punt li d-data bbażata fuq l-ispazju u s-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni***, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tal-operaturi spazjali u l-forniturі tas-servizzi spazjali***.

Or. en

Emenda 749
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Għalhekk, biex ikun żgurat li l-ebda operatur spazjali ma jingħata vantaġġ billi ma jkunx soġġett għar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament, jixraq ikun żgurat trattament uniformi lill-operaturi spazjali kollha, inkluż lill-forniturі tas-servizzi spazjali ta' pajjiżi terzi, bħal operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi, forniturі tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi, forniturі	(24) Għalhekk, biex ikun żgurat li l-ebda operatur spazjali ma jingħata vantaġġ billi ma jkunx soġġett għar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament, jixraq ikun żgurat trattament uniformi lill-operaturi spazjali kollha, inkluż lill-forniturі tas-servizzi spazjali ta' pajjiżi terzi, bħal operaturi tal-inġenji spazjali ta' pajjiżi terzi, forniturі tal-illanċjar ta' pajjiżi terzi, forniturі

primarji ta’ pajjiżi terzi ta’ data bbażata fuq l-ispazju, jekk dawn ikunu qed jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni.	primarji ta’ pajjiżi terzi ta’ data bbażata fuq l-ispazju, jekk dawn ikunu qed jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni. ***Dan ir-regolament għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi spazjali tal-Unjoni u l-operaturi ta’ pajjiżi terzi. Id-derogi u d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jenħtieġ li jingħataw biss taħt kundizzjonijiet ġusti u bilanċjati.***

Or. en

Emenda 750
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Għalhekk, biex ikun żgurat li l-ebda operatur spazjali ma jingħata vantaġġ billi ma jkunx soġġett għar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament, jixraq ikun żgurat trattament uniformi lill-operaturi spazjali kollha, inkluż lill-fornituri tas-servizzi spazjali ta’ pajjiżi terzi, bħal operaturi tal-inġenji spazjali ta’ pajjiżi terzi, fornituri tal-illanċjar ta’ pajjiżi terzi, fornituri primarji ta’ pajjiżi terzi ta’ data bbażata fuq l-ispazju, jekk dawn ikunu qed jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni.	(24) Għalhekk, biex ikun żgurat li l-ebda operatur spazjali ma jingħata vantaġġ billi ma jkunx soġġett għar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament, jixraq ikun żgurat trattament uniformi lill-operaturi spazjali kollha, inkluż ***lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,*** lill-fornituri tas-servizzi spazjali ta’ pajjiżi terzi, bħal operaturi tal-inġenji spazjali ta’ pajjiżi terzi, fornituri tal-illanċjar ta’ pajjiżi terzi, fornituri primarji ta’ pajjiżi terzi ta’ data bbażata fuq l-ispazju, jekk dawn ikunu qed jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju jew servizzi spazjali fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 751
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali, irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti, jekk id-data bbażata fuq l-ispazju jew is-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni, u b'hekk qed juri konnessjoni sostanzjali mas-suq intern, jevita r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-regoli għad-detriment tal-konsumaturi u n-negozji tal-Unjoni, u jissalvagwardja l-effiċjenza tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 752
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Għalhekk, dan ir-Regolament ***għandu*** japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali, irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti, jekk id-data bbażata fuq l-ispazju jew is-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni, u b'hekk qed juri konnessjoni sostanzjali mas-suq intern, jevita r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-regoli għad-detriment tal-konsumaturi u n-negozji tal-Unjoni, u jissalvagwardja l-effiċjenza tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.	(25) Għalhekk, dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** japplika għall-fornituri tas-servizzi spazjali, irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti, jekk id-data bbażata fuq l-ispazju jew is-servizzi spazjali jiġu pprovduti fl-Unjoni, u b'hekk qed juri konnessjoni sostanzjali mas-suq intern, jevita r-riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-regoli għad-detriment tal-konsumaturi u n-negozji tal-Unjoni, u jissalvagwardja l-effiċjenza tal-objettivi ta' dan ir-Regolament***, filwaqt li joħloq ukoll il-bilanċ it-tajjeb bejn il-libertà tal-operaturi tas-servizzi spazjali u tal-fornituri li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja mingħajr fruntieri, jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ sostenibbli u ġust bejn il-libertà tad-diversi operaturi u atturi fil-qasam li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi.

Emenda 753
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-fornituri kollha tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jiddeżinjaw bil-miktub rappreżentant legali wieħed jew aktar fl-Unjoni, ***skont il-ħtiġijiet kummerċjali u r-rekwiżiti organizzazzjonali tagħhom. Dawn ir-rappreżentanti legali fl-Unjoni jenħtieġ li jingħataw is-setgħat u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti, mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija, dwar l-aspetti kollha meħtieġa biex jaslu l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet relatati mal-konformità ma' dan ir-Regolament, u mal-infurzar tiegħu***.	(26) Il-fornituri kollha tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jiddeżinjaw bil-miktub rappreżentant legali wieħed jew aktar fl-Unjoni, ***sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti tal-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 754
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-fornituri kollha tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jiddeżinjaw bil-miktub rappreżentant legali wieħed jew aktar fl-Unjoni, skont il-ħtiġijiet kummerċjali u r-rekwiżiti organizzazzjonali tagħhom. ***Dawn ir-***	(26) Il-fornituri kollha tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jiddeżinjaw bil-miktub rappreżentant legali wieħed jew aktar fl-Unjoni, skont il-ħtiġijiet kummerċjali u r-rekwiżiti

rappreżentanti legali fl-Unjoni jenħtieġ li jingħataw is-setgħat u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti, mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija, dwar l-aspetti kollha meħtieġa biex jaslu l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet relatati mal-konformità ma' dan ir-Regolament, u mal-infurzar tiegħu.	organizzazzjonali tagħhom.

Or. en

Emenda 755
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ċerti ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet fl-ispazju u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 756
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ċerti ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet fl-ispazju u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal	***imħassar***

dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 757
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ċerti ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet spazjali u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 758
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Ċerti ***ġurisdizzjonijiet*** ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet spazjali u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(27) Ċerti ***ġuriżdizzjonijiet*** ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet spazjali u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Dawn il-livelli ta' protezzjoni jenħtieġ li jevitaw l-użu ta' kriterji ambjentali jew relatati mar-reżiljenza bħala restrizzjonijiet moħbija fuq il-kummerċ.***

Or. en

Emenda 759
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fl-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni	***imħassar***

Or. fr

Emenda 760
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-	***imħassar***

Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-forniturі tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 761
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***F'dawn il-każijiet,*** mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita ***fuq dik il-bażi***. Dawn il-forniturі tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni.	(28) ***Ċerti ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jaf jaderixxu ma' livelli għoljin tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali fejn jidħlu l-attivitajiet fl-ispazju u bħala tali japplikaw rekwiżiti tas-sikurezza, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ambjentali simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** Mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita ***abbażi tal-***

ekwivalenza. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 762
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni	(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni***. L-objettiv tad-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jenħtieġ li jkun li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u tissaħħaħ il-bażi industrijali spazjali tal-Unjoni, inkluż billi jiġu promossi sħubijiet ma' operaturi bbażati fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 763
Markus Buchheit

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni	(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi. Dawn il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni. ***Il-mekkaniżmu ta' ekwivalenza jenħtieġ li jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju, trasparenti u proporzjonat, b'enfasi stretta fuq is-sikurezza, ir-reżiljenza u rekwiżiti tekniċi definiti b'mod ċar.***

Or. en

Emenda 764
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' ***livell ta' protezzjoni***	(28) F'dawn il-każijiet, mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura r-rikonoxximent ta' ***eżiti ekwivalenti għal***

komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan ir-Regolament. ***Għalhekk, meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa*** ekwivalenti ***għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-konformità tal-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż*** terz ***jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq dik il-bażi***. ***Dawn il-forniturі tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni*** ta' ekwivalenza ***li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni.***

dawk segwiti minn dan ir-Regolament, ivvalutati skont ir-riżultati aktar milli skont dispożizzjonijiet identiċi. Id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza jistgħu jkunu parzjali, u jkopru Titoli speċifiċi ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lil pajjiżi b'oqfsa ta' kooperazzjoni spazjali bilaterali eżistenti u għandha tadotta deċiżjonijiet fi żmien 18-il xahar minn talba formali. Il-mekkaniżmu għandu japplika b'mod simmetriku: L-operaturi spazjali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn aċċess*** ekwivalenti ***għas-suq fil-pajjiż*** terz ***ikkonċernat***. ***Id-deċiżjonijiet*** ta' ekwivalenza ***jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, jipprevjenu l-arbitraġġ regolatorju, u jsaħħu l-bażi industrijali spazjali tal-Unjoni, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' sħubijiet ma' operaturi stabbiliti fl-Unjoni.***

Or. en

Emenda 765
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***F'dawn il-każijiet,*** mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura ***r-rikonoxximent ta' livell ta' protezzjoni komparabbli ma' dak meħtieġ skont dan*** ir-Regolament. ***Għalhekk,*** meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, ***fir-rigward tal-qafas legali applikabbli ta' pajjiż terz u r-regoli legalment vinkolanti applikabbli f'dak il-pajjiż terz, meqjusa ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament,*** il-konformità ***tal-forniturі tas-servizzi*** spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq ***dik*** il-bażi. Dawn ***il-forniturі tas-servizzi*** spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu data	(28) ***Ċerti pajjiżi terzi tal-istess fehma jistgħu jaderixxu ma' livelli għoljin ta' sikurezza, reżiljenza u sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju simili għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** Mekkaniżmu ta' ekwivalenza għandu jiżgura ***ekwivalenza tar-rekwiżiti tal-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz li jiksbu riżultati simili għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan*** ir-Regolament. Meta l-Kummissjoni tkun wettqet valutazzjoni, il-konformità ***tal-operaturi*** spazjali stabbiliti f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi ***tal-ekwivalenza***. Dawn ***l-operaturi*** spazjali jenħtieġ li jkunu jistgħu

bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni	jipprovdu data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali fl-Unjoni abbażi ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza li trid tiġi adottata mill-Kummissjoni**.**

Or. en

Emenda 766
András Gyürk, Jorge Martín Frías, András László, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-forniturituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn ***kontrolli*** biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-forniturituri tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.***	(29) Il-forniturituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn ***valutazzjoni teknika*** biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 767
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-forniturituri tas-servizzi spazjali	(29) Il-forniturituri tas-servizzi spazjali

stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar*** ir-reġistrazzjoni ***tal-forniturи tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.***	stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***L-aċċess għas-suq tal-Unjoni minn fornituri ta' servizzi spazjali minn pajjiżi terzi ma għandux jirriżulta f'kundizzjonijiet kompetittivi aktar favorevoli minn dawk applikabbli għall-operaturi spazjali tal-Unjoni. Meta pajjiż terz ma jagħtix aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għas-suq lill-operaturi spazjali tal-Unjoni,*** ir-reġistrazzjoni ***fl-URSO għandha tiġi miċħuda. L-oneru tal-provi tar-reċiproċità għandu jkun tal-operatur minn pajjiż terz li qed ifittex ir-reġistrazzjoni.***
	Or. en

Emenda 768
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz ***li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza*** jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.	(29) Il-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.
	Or. fr

Emenda 769
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz ***li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza*** jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-fornituri tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.	(29) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn kontrolli biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-fornituri tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 770
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn ***kontrolli*** biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-konverġenza tal-	(29) Il-fornituri tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza jenħtieġ li jintalbu jgħaddu minn ***valutazzjonijiet tekniċi*** biex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tippromwovi l-

approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.

konverġenza tal-approċċi superviżorji, l-Aġenzija jenħtieġ li twettaq il-valutazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-Kummissjoni tistabbilixxi l-konformità u tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi, abbażi tal-valutazzjonijiet tekniċi, dwar ir-reġistrazzjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali fl-Unjoni u dwar kwalunkwe miżura superviżorja. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Reġistru fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 771
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Unjoni ***jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi*** ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku ***mal-pajjiżi terzi***.	(30) L-Unjoni ***għandha tfittex b'mod attiv*** ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku ***ma' pajjiżi sħab strateġiċi fil-qasam spazjali. Tali ftehimiet għandhom jitfasslu b'tali mod li ma jpoġġux lill-operaturi spazjali tal-Unjoni fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' operaturi minn pajjiżi terzi li jaċċessaw is-suq tal-Unjoni. Meta ftehim ta' rikonoxximent reċiproku jwassal biex operaturi minn pajjiżi terzi jibbenefikaw minn kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk applikabbli għall-operaturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tikkonkludi jew għandha tissospendi tali ftehim.***

Or. en

Emenda 772
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.	(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi***, inklużi mekkaniżmi ċari u trasparenti li jippermettu aċċess għal servizzi spazjali fl-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw ir-rekwiżiti essenzjali tas-sigurtà, il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data, u wkoll li jipprevjenu l-użu ħażin tagħhom***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja mingħajr fruntieri, jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ sostenibbli u ġust bejn il-libertà tad-diversi operaturi u atturi fil-qasam li joperaw u s-sigurtà tal-attivitajiet u tad-data.

Emenda 773
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***L-Unjoni*** jenħtieġ li ***taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet*** ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.	(30) ***Sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-Unjoni u tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li tibqa' valida fil-futur, kwalunkwe kunċett ta' ekwivalenza mal-forniturі ta' servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz*** jenħtieġ li ***jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni u*** ta' rikonoxximent reċiproku ***konklużi bejn l-Unjoni u*** mal-pajjiżi terzi.

Or. fr

Emenda 774
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex ***gradwalment*** tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.	(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku ***fuq termini reċiproċi*** mal-pajjiżi terzi ***biex issaħħaħ l-approċċ ta' ekwivalenza reċiproka***. ***Jenħtieġ li jitqiesu s-sħubijiet istituzzjonali u ekonomiċi li diġà jeżistu.***

Or. en

Emenda 775
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.	(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi ***li jagħtu aċċess reċiproku għas-suq ibbażat fuq rekwiżiti essenzjalment ambizzjuż***i.

Or. en

Emenda 776
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi.	(30) L-Unjoni jenħtieġ li taħdem biex gradwalment tikkonkludi ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku mal-pajjiżi terzi ***filwaqt li tqis is-sħubijiet internazzjonali u r-relazzjonijiet kummerċjali eżistenti***.

Or. en

Emenda 777
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Biex jiġu koperti b'mod komprensiv l-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u jiġu evitati l-lakuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-assi operati minn*** organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT)***. Meta wieħed iqis*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv ***tagħhom***, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta ***tagħhom*** fil-qasam spazjali***, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.	(31) Organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT) ***għandhom*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta fil-qasam spazjali**.** Huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 778
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Biex jiġu koperti b'mod komprensiv l-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u jiġu evitati l-lakuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-assi operati minn*** organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT)***. Meta wieħed iqis*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv ***tagħhom***, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta ***tagħhom*** fil-qasam spazjali***, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.	(31) Organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT) ***għandhom*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta fil-qasam spazjali**.** Huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 779
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***Biex jiġu koperti b'mod komprensiv l-assi kollha tal-infrastruttura spazjali u jiġu evitati l-lakuni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-assi operati minn*** organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT)***. Meta wieħed iqis*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv	(31) Organizzazzjonijiet internazzjonali involuti f'attivitajiet fl-ispazju, bħall-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) jew l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni tas-Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT) ***għandhom*** l-għarfien espert tekniku, xjentifiku u operazzjonali estensiv, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta fil-qasam spazjali**.** Huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni

tagħhom, kif ukoll l-infrastruttura u l-kapaċitajiet apposta ***tagħhom*** fil-qasam spazjali***, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** huma sħab ewlenin tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija u tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.

tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, it-twettiq tal-akkwist konġunt jew il-programmi tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 780
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja ***fil-kuntest tal-armonizzazzjoni li tinġieb b'dan ir-Regolament, dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, meta joperaw l-assi tagħhom stess, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet xierqa rigward il-mezzi tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni għalihom li jenħtieġ li jiġu stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali konklużi bejn l-Unjoni u kull waħda minn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivament. Meta*** dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti*** f'dan ir-Regolament. ***Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni***	(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja***, ikun importanti għal*** dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***u l-Unjoni li jikkonkludu ftehimiet internazzjonali li jistgħu javvanzaw l-objettivi stabbiliti*** f'dan ir-Regolament.

għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 781
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja ***fil-kuntest tal-armonizzazzjoni li tingieb b'dan ir-Regolament,*** dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ***meta joperaw l-assi tagħhom stess, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet xierqa rigward il-mezzi tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni għalihom li jenħtieġ li jiġu stabbiliti fi*** ftehimiet internazzjonali ***konklużi bejn l-Unjoni u kull waħda minn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti*** f'dan ir-Regolament. ***Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.***	(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja***, ikun importanti għal*** dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ***u l-Unjoni li jikkonkludu*** ftehimiet internazzjonali ***li jistgħu javvanzaw l-objettivi stabbiliti*** f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 782
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja ***fil-kuntest tal-armonizzazzjoni li tingieb b'dan ir-Regolament,*** dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, meta joperaw l-assi tagħhom stess, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet xierqa rigward il-mezzi tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni għalihom li jenħtieġ li jiġu stabbiliti fi*** ftehimiet internazzjonali ***konklużi bejn l-Unjoni u kull waħda minn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivament***. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.	(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja***, huwa importanti għal*** dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***u l-Unjoni li jikkonkludu*** ftehimiet internazzjonali ***li jistgħu javvanzaw l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament***. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 783
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja ***fil-kuntest tal-armonizzazzjoni li tingieb b'dan ir-Regolament,*** dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, meta joperaw l-assi tagħhom stess, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi tal-Unjoni, skont kundizzjonijiet xierqa rigward il-mezzi tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni għalihom li jenħtieġ li jiġu***	(32) Biex tinkiseb koerenza regolatorja ***jkun importanti għal*** dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***u l-Unjoni, li jikkonkludu*** ftehimiet internazzjonali ***li jistgħu javvanzaw l-objettivi stabbiliti*** f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ

stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali ***konklużi bejn l-Unjoni u kull waħda minn dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali rispettivament***. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

li jiżguraw l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta dawk l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu joperaw assi tal-Unjoni, l-infurzar jenħtieġ li jkun żgurat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet tal-kontribuzzjoni konklużi mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 784
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'aktar dettall fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa	***imħassar***

tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.

Or. en

Emenda 785
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti ***f'aktar dettall*** fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.	(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju ***bbażati fuq il-Ftehim Qafas mal-Komunità Ewropea fl-2004 kif ukoll fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni Spazjali (ECSS)***. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA ***u bbażati fuq l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. ***Il-ftehim jenħtieġ li jistabbilixxi relazzjoni xierqa bejn l-Unjoni u l-ESA.***

Or. en

Emenda 786
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'aktar dettall fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.	(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali b'għarfien espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA hija wkoll xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. ***Minħabba l-kapaċitajiet tekniċi uniċi u estensivi tagħha, l-ESA jenħtieġ li tkun involuta sistematikament fil-kunsiderazzjonijiet tekniċi kollha, il-valutazzjonijiet, u x-xogħol preparatorju għal kwalunkwe att delegat u ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.*** Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti f'aktar dettall fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.

Or. en

Emenda 787
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali ***b'għarfien*** espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA ***tiżviluppa wkoll missjonijiet spazjali f'isem l-Istati Membri fl-attivitajiet obbligatorji u l-programmi fakultattivi tagħha, u meta tintalab minn xi Stati Membri tassisti fi proġetti nazzjonali tal-qasam spazjali. L-ESA*** hija ***wkoll*** xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti ***f'aktar dettall*** fi ftehim b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.	(33) L-ESA hija organizzazzjoni internazzjonali ***li magħha jenħtieġ li tiġi stabbilita relazzjoni xierqa. Din għandha għarfien*** espert estensiv fil-qasam spazjali u sieħba importanti fl-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali tal-Unjoni. L-ESA tiżviluppa u topera, ***kif xieraq,*** f'konformità ma' ftehimiet apposta, l-assi tal-infrastruttura spazjali għall-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura. L-ESA hija xprun ċentrali għall-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-attivitajiet fl-ispazju ***u kkonkludiet Ftehim Qafas mal-Komunità Ewropea fl-2004***. ***Madankollu, peress li l-ESA mhijiex soġġetta għad-dritt tal-Unjoni,*** il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ESA jenħtieġ li jiġu ddefiniti fi ftehim ***ibbażat fuq l-Artikolu 218 tat-TFUE*** b'kunsiderazzjoni xierqa tal-istatus u l-qafas istituzzjonali tal-ESA.

Or. en

Emenda 788
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopru l-assi tal-Unjoni, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 u fir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], kif ukoll l-assi ***tal-Istati Membri, sew jekk proprjetà jew imħaddma minn operaturi governattivi jew*** kummerċjali***, inkluż assi b'użu doppju mqiegħda fil-kontroll ċivili u meta jintużaw għal skopijiet ċivili***.	(34) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopru l-assi tal-Unjoni, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2021/696 u fir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], kif ukoll l-assi ***tal-operaturi*** kummerċjali***. L-assi li huma proprjetà tal-Istati Membri li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni jistgħu jingħiebu konformi volontarjament sabiex javvanzaw l-objettivi ta' dan ir-Regolament***.

[6] Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1-39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1-39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj).

Or. en

Emenda 789
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jiksbu awtorizzazzjoni mingħand l-Aġenzija biex joperaw dawk l-assi tal-Unjoni li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ***ambjentali***.	(35) Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, il-fornituri tas-servizzi spazjali jenħtieġ li jiksbu awtorizzazzjoni mingħand l-Aġenzija biex joperaw dawk l-assi tal-Unjoni li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà.

Or. en

Emenda 790
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Sabiex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju. L-	***imħassar***

oġġetti spazjali li jintużaw biss parzjalment għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, għal finijiet ta' difiża, għall-perjodu biss tal-missjoni spazjali rispettiva mwettqa mill-forzi militari. F'każijiet bħal dawn, sta għal kull Stat Membru biex jiddetermina, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk dak l-oġġett spazjali jkunx jaqa' taħt l-esklużjoni msemmija hawn fuq.

Or. en

Emenda 791
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Biex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju. ***L-oġġetti spazjali li jintużaw biss parzjalment għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, għal finijiet ta' difiża, għall-perjodu biss tal-missjoni spazjali rispettiva mwettqa mill-forzi militari. F'każijiet bħal dawn, sta għal kull Stat Membru biex jiddetermina, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk dak l-oġġett spazjali jkunx jaqa' taħt l-esklużjoni msemmija hawn fuq.***	(36) Biex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju.

Or. fr

Emenda 792
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Sabiex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju. L-oġġetti spazjali li jintużaw biss ***parzjalment*** għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, ***għal finijiet ta' difiża, għall-perjodu biss tal-missjoni spazjali rispettiva mwettqa mill-forzi militari***. ***F'każijiet bħal dawn, sta għal kull Stat Membru biex jiddetermina, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, jekk dak l-oġġett spazjali jkunx jaqa' taħt l-esklużjoni msemmija hawn fuq.***	(36) Sabiex jitħarsu l-kompetenzi tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkunx japplika għall-oġġetti spazjali li jintużaw esklużivament biex jintlaħqu xi objettivi tad-difiża jew tas-sigurtà nazzjonali, irrispettivament mill-entità li twettaq dawk l-attivitajiet fl-ispazju. L-oġġetti spazjali li jintużaw biss ***temporanjament*** għal finijiet ta' difiża jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament meta jkollhom jitqiegħdu fl-operat u fil-kontroll ta' Stat Membru, ***għad-durata ta' dawk l-operazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 793
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-materji kollha relatati mas-sigurtà nazzjonali, li jestendu wkoll għal każijiet meta l-Istati Membri jkunu jeħtieġu, għall-finijiet u l-eżerċizzju ta'	***imħassar***

din il-kompetenza tas-sigurtà nazzjonali, li jeżegwixxu operazzjonijiet spazjali speċifiċi, pereżempju billi jieħdu kontroll ta' oġġett spazjali fil-ġuriżdizzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 794
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Meta wieħed iqis ir-regolament eżistenti tal-ispettru tar-radju skont ir-regoli tat-Telekomunikazzjoni Internazzjonali, u l-liġi nazzjonali ***u l-liġi tal-UE*** f'konformità ***miegħu***, u b'mod partikolari d-Deċiżjoni 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], u d-Deċiżjoni nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkoprix aspetti relatati mal-allokazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-ispettru tar-radju. Barra minn hekk, meta entità li tkun fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi taġixxi biss bħala sempliċiment utent ta' faċilità offruta minn operatur spazjali, din jenħtieġ li tikkwalifika biss bħala fornitur primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju skont dan ir-Regolament. Jekk fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jkun jopera wkoll jew jikkontrolla satellita, ***lanċjatur jew infrastruttura tal-illanċjar***, dan jenħtieġ li jikkwalifika bħala operatur spazjali skont dan ir-Regolament.	(38) Meta wieħed iqis ir-regolament eżistenti tal-ispettru tar-radju skont ir-regoli tat-Telekomunikazzjoni Internazzjonali, u ***d-dritt tal-Unjoni u*** l-liġi nazzjonali f'konformità ***mad-dritt tal-Unjoni***, u b'mod partikolari d-Deċiżjoni 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], u d-Deċiżjoni nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkoprix aspetti relatati mal-allokazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-ispettru tar-radju. Barra minn hekk, meta entità li tkun fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi taġixxi biss bħala sempliċiment utent ta' faċilità offruta minn operatur spazjali, din jenħtieġ li tikkwalifika biss bħala fornitur primarju ta' data bbażata fuq l-ispazju skont dan ir-Regolament. Jekk fornitur ta' network u servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jkun jopera wkoll jew jikkontrolla satellita, ***jew iwettaq operazzjonijiet tal-illanċjar***, dan jenħtieġ li jikkwalifika bħala operatur spazjali skont dan ir-Regolament.
[7] Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta'	[7] Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta'

Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) (ĠU L 108, 24.04.2002, p. 1-6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj)

[8] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36-214, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj)

[9] Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21/03/2012, p. 7-17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/243(2)/oj)

Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (id-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) (ĠU L 108, 24.04.2002, p. 1-6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/676(1)/oj)

[8] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36-214, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1972/oj)

[9] Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21/03/2012, p. 7-17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/243(2)/oj)

Or. en

Emenda 795
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ir-regoli armonizzati ewlenin minimi dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jintegraw l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew, kif xieraq, ir-reġimi stabbiliti mill-Istati Membri għall-entitajiet governattivi li jwettqu programm spazjali nazzjonali. Il-karattru speċifiku ta' ċerti entitajiet jenħtieġ li jiġi rikonoxxut, bħal pereżempju l-aġenziji spazjali governattivi li jwettqu programmi spazjali nazzjonali, li mhux	(40) Ir-regoli armonizzati ewlenin minimi dwar is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jintegraw l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew, kif xieraq, ir-reġimi stabbiliti mill-Istati Membri għall-entitajiet governattivi li jwettqu programm spazjali nazzjonali. Il-karattru speċifiku ta' ċerti entitajiet jenħtieġ li jiġi rikonoxxut, bħal pereżempju l-aġenziji spazjali governattivi li jwettqu programmi spazjali nazzjonali, li mhux

bilfors ikunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet bl-istess mod bħal fornituri oħra tas-servizzi spazjali. ***Minħabba f'hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li, fir-rigward ta' dawn l-entitajiet, jiżguraw superviżjoni xierqa li tirrispetta u timplimenta l-prinċipji tas-separazzjoni tar-rwoli u n-nuqqas ta' kunflitt ta' interess.***	bilfors ikunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet bl-istess mod bħal fornituri oħra tas-servizzi spazjali.

Or. en

Emenda 796
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex fis-suq intern ikunu jistgħu jsiru proċessi ta' awtorizzazzjoni bla skossi u jitħaddem trattament ugwali għall-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni, il-perjodu ġenerali tal-awtorizzazzjonijiet għandu jkun ta' 12-il xahar, bil-possibbiltà ta' sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli fil-proċess tal-awtorizzazzjoni, biex titqies il-ħtieġa ta' aktar kjarifiki u valutazzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 797
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex fis-suq intern ikunu jistgħu jsiru proċessi ta' awtorizzazzjoni bla	***imħassar***

skossi u jitħaddem trattament ugwali għall-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni, il-perjodu ġenerali tal-awtorizzazzjonijiet għandu jkun ta' 12-il xahar, bil-possibbiltà ta' sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli fil-proċess tal-awtorizzazzjoni, biex titqies il-ħtieġa ta' aktar kjarifiki u valutazzjonijiet.

Or. en

Emenda 798
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Biex fis-suq intern ikunu jistgħu jsiru proċessi ta' awtorizzazzjoni bla skossi u jitħaddem trattament ugwali għall-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni, il-perjodu ġenerali ***tal-awtorizzazzjonijiet*** għandu jkun ta' 12-il xahar, bil-possibbiltà ta' sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli fil-proċess tal-awtorizzazzjoni, biex titqies il-ħtieġa ta' aktar kjarifiki u valutazzjonijiet.	(41) Biex fis-suq intern ikunu jistgħu jsiru proċessi ta' awtorizzazzjoni bla skossi u jitħaddem trattament ugwali għall-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni, il-perjodu ġenerali ***tal-proċess tal-awtorizzazzjoni*** għandu jkun ta' ***mhux aktar minn*** 12-il xahar, ***meta titqies il-kumplessità tal-attività spazjali involuta, bl-għan li l-applikant ikun jista' jirċievi r-risposta malajr u*** bil-possibbiltà ta' sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli fil-proċess tal-awtorizzazzjoni, biex titqies il-ħtieġa ta' aktar kjarifiki u valutazzjonijiet.

Or. en

Emenda 799
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(41a) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Or. en

Emenda 800
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) L-Istati Membri ***jenħtieġ li jibqgħu*** liberi biex iwettqu kwalunkwe skambju ma' applikanti potenzjali qabel il-proċessi tal-awtorizzazzjoni formali tagħhom, skont ir-regoli nazzjonali. Dawn l-iskambji preliminari u informali jippermettu lill-applikanti jifhmu u jiżguraw aħjar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali***, kif applikabbli, inkluż kull leġiżlazzjoni rilevanti ta' Stati Membri oħra meta, pereżempju, ikunu meħtieġa diversi awtorizzazzjonijiet minn madwar is-suq intern, li jqisu l-kriterji tan-nazzjonalità jew tal-istabbiliment, il-post tal-operat u s-sit tal-illanċjar***.	(42) L-Istati Membri ***huma*** liberi biex iwettqu kwalunkwe skambju ma' applikanti potenzjali qabel il-proċessi tal-awtorizzazzjoni formali tagħhom, skont ir-regoli nazzjonali. Dawn l-iskambji preliminari u informali jippermettu lill-applikanti jifhmu u jiżguraw aħjar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Or. en

Emenda 801
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi biex iwettqu kwalunkwe skambju ma' applikanti potenzjali qabel il-proċessi tal-awtorizzazzjoni formali tagħhom, skont ir-regoli nazzjonali. Dawn l-iskambji preliminari u informali jippermettu lill-applikanti jifhmu u jiżguraw aħjar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali***, kif applikabbli, inkluż kull leġiżlazzjoni rilevanti ta' Stati Membri oħra meta, pereżempju, ikunu meħtieġa diversi awtorizzazzjonijiet minn madwar is-suq intern, li jqisu l-kriterji tan-nazzjonalità jew tal-istabbiliment, il-post tal-operat u s-sit tal-illanċjar***.	(42) L-Istati Membri jenħtieġ li jibqgħu liberi biex iwettqu kwalunkwe skambju ma' applikanti potenzjali qabel il-proċessi tal-awtorizzazzjoni formali tagħhom, skont ir-regoli nazzjonali. Dawn l-iskambji preliminari u informali jippermettu lill-applikanti jifhmu u jiżguraw aħjar il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Or. en

Emenda 802
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa minn	(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa minn

operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.	operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni***, filwaqt li jiġu rispettati l-miżuri ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-data***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja mingħajr fruntieri f'termini ta' attivitajiet spazjali, jeħtieġ li jkun hemm proċeduri trasparenti u bilanċ sostenibbli u ġust bejn il-libertà tad-diversi operaturi u atturi fil-qasam li joperaw u l-protezzjoni tal-interessi tal-partijiet kollha kkonċernati.

Emenda 803
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' ***operazzjoni jew ta' llanċjar*** mwettqa fit-territorji tagħhom ***fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa*** minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ***ta' stabbiliment*** tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.	(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' ***attività spazjali*** mwettqa fit-territorji tagħhom minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.

Or. en

Emenda 804
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra***, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament***. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.	(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' missjoni spazjali mwettqa minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.

Or. en

Emenda 805
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza	(43) L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jenħtieġ li jaċċettaw u jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra, fir-rigward tal-materji koperti minn dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, jenħtieġ li tkun żgurata trasparenza

sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' ***missjoni*** spazjali mwettqa minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.	sħiħa tar-rekwiżiti nazzjonali li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, inkluż għal rekwiżiti aktar stretti li jaf ikun hemm bżonn għas-salvagwardja tas-sikurezza, tar-reżiljenza jew tas-sostenibbiltà ambjentali ta' operazzjoni jew ta' llanċjar mwettqa fit-territorji tagħhom fir-rigward ta' ***attività*** spazjali mwettqa minn operaturi spazjali awtorizzati fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom stess. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tingħata minn Portal tal-Informazzjoni komuni.

Or. en

Emenda 806
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Il-Portal tal-Informazzjoni huwa maħsub bħala għodda awżiljarja u ma għandux iservi bħala pjattaforma għall-awtorizzazzjoni. Għandu jkun ikkonfigurat b'tali mod li jkun kompatibbli mal-portali nazzjonali, filwaqt li titqies l-awtonomija tal-Istati Membri. L-użu tal-Portal għandu jkun volontarju.

Or. en

Emenda 807
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u	***imħassar***

t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 808
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 809
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed	***imħassar***

żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 810
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa. ***B'hekk fil-proċessi għall-awtorizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi prevista wkoll sospensjoni tal-iskadenzi applikabbli għall-awtoritajiet kompetenti.***	(44) Fid-dawl tal-kumplessità teknika u t-tul tat-tħejjija ta' missjoni spazjali, l-applikanti jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jipprovdu kull informazzjoni jew kjarifika meħtieġa.

Or. fr

Emenda 811
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-forniturі tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni, kif ukoll għall-forniturі	***imħassar***

tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih tkun ingħatat deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 812
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni***, *kif ukoll għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li għalih tkun ingħatat deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni***.	(45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 813
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni, kif ukoll għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li	(45) Il-konformità tal-oġġetti spazjali mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi preżunta kemm għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti fl-Unjoni, għax din il-konformità tkun ġiet verifikata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti meta joħorġu l-awtorizzazzjoni, kif ukoll għall-forniturи tas-servizzi spazjali stabbiliti f'pajjiż terz li

għalih tkun ingħatat deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni.	***miegħu jkun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni u ta' rikonoxximent reċiproku.***

Or. fr

Emenda 814
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ***fir-Reġistru*** tal-Unjoni ***tal-Oġġetti*** Spazjali ***(URSO)*** u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li ***s-servizzi spazjali*** huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali lill-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati.	(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ***fir-Repożitorju*** tal-Unjoni ***tal-Attivitajiet*** Spazjali ***(URSA)*** u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li ***l-attivitajiet fl-ispazju*** huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali lill-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda dwar it-tibdil tar-"Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO)" għal "Repożitorju tal-Unjoni tal-Attivitajiet Spazjali (URSA)" għandha tkun ripetittiva u tapplika għat-test kollu.

Emenda 815
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni ***tal-Oġġetti*** Spazjali ***(URSO)*** u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li s-servizzi spazjali huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali lill-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati.	(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Unjoni ***tal-Attivitajiet*** Spazjali ***(URSA)*** u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li s-servizzi spazjali huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali lill-fornituri tas-servizzi spazjali rreġistrati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tibdil tal-isem tar-reġistru minn "Reġistru tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali" (URSO) għal "Reġistru tal-Unjoni tal-Attivitajiet Spazjali" (URSA) jelimina t-trikkib terminoloġiku dirett mar-reġistri nazzjonali li l-Istati Membri jżommu skont il-Konvenzjoni tar-Reġistrazzjoni tan-NU tal-1975. "Oġġetti" tiddeskrivi dak li l-Istati jirrappurtaw lin-NU; "attivitajiet" huwa dak li jirregola dan ir-Regolament. Il-bidla tipprevjeni l-ambigwità legali għall-operaturi u għall-Istati Membri dwar liema obbligu ta' reġistrazzjoni jappartjeni għal liema strument, kif iċċarat fil-Premessa 47a ġdida.

Emenda 816
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru	(46) Ladarba tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru

tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO) u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li ***s-servizzi spazjali*** huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali ***lill-fornituri tas-servizzi*** spazjali rreġistrati.	tal-Unjoni tal-Oġġetti Spazjali (URSO) u l-ħruġ ta' ċertifikat elettroniku, li juru li d-data bbażata fuq l-ispazju tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali li huma konformi ma' dan ir-Regolament u, rispettivament, li ***l-attivitajiet fl-ispazju*** huma bbażati fuq l-użu u l-operat ta' oġġetti spazjali konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jippermettu l-forniment liberu tad-data bbażata fuq l-ispazju u tas-servizzi spazjali madwar l-Unjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li toħroġ iċ-ċertifikati elettroniċi individwali ***lill-operaturi*** spazjali rreġistrati.

Or. en

Emenda 817
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-listi konsolidati tal-fornituri kollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza ***tal-fornituri kollha tas-servizzi*** spazjali ***rreġistrati*** fl-Unjoni. ***Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.***	(47) Il-listi konsolidati tal-fornituri kollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza ***tal-operaturi*** spazjali ***kollha u l-attivitajiet tagħhom irreġistrati*** fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 818

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fl-URSO***, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza ***tal-forniturikollha tas-servizzi*** spazjali ***rreġistrati*** fl-Unjoni. ***Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.***	(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fl-URSA***, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza ***tal-operaturi*** spazjali ***kollha u l-attivitajiet tagħhom irreġistrati*** fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 819
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi	(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, ***ibbażati fuq teknoloġiji u APIs b'sors miftuħ u bl-użu ta' politika ta' data miftuħa*** u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali

mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.

pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 820
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.	(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-URSO, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-URSO***, bi traduzzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE***, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza tal-miżuri u tad-deċiżjonijiet tista' tiġi żgurata billi jiġi pprovdut aċċess għall-informazzjoni, li trid tiġi ppubblikata fil-lingwi uffiċjali kollha sabiex tkun tista' tiġi kkonsultata mill-partijiet kollha kkonċernati.

Emenda 821
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fl-URSO***, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web ***tal-URSO***, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.	(47) Il-listi konsolidati tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati ***fl-URSA***, stabbiliti fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, jenħtieġ li jsiru aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web ***tal-URSA***, u b'hekk tkun żgurata t-trasparenza tal-forniturikollha tas-servizzi spazjali rreġistrati fl-Unjoni. Kwalunkwe persuna tista' tivverifika s-sors tad-data bbażata fuq l-ispazju biex taċċerta, fi kwalunkwe mument partikolari, li s-servizzi spazjali pprovduti fl-Unjoni jużaw data li tkun ġiet iġġenerata minn oġġetti spazjali konformi mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tibdil mill-ġdid tal-isem konsegwenzjali konsistenti mal-Premessa 46

Emenda 822
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) L-istabbiliment tar-Reġistru tal-Unjoni tal-Attivitajiet Spazjali (URSA) jirrifletti l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas komprensiv, trasparenti u ċentralizzat għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju mwettqa fl-Unjoni. Skont il-liġi spazjali internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Oġġetti Llanċjati fl-Ispazju, l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-oġġetti spazjali li għalihom jikkwalifikaw bħala Stati tal-illanċjar u għat-trażmissjoni tal-informazzjoni rilevanti lin-Nazzjonijiet Uniti. Għalhekk, l-URSA jenħtieġ li jkun iddisinjat b'mod li

jappoġġa u jiffaċilita t-twettiq ta' dawk l-obbligi internazzjonali, inkluż billi jiżgura d-disponibbiltà, il-konsistenza u t-traċċabbiltà tal-informazzjoni rilevanti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni. L-istabbiliment u l-operat tal-URSA jenħtieġ li ma jaffettwawx l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet internazzjonali bejn l-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali, iżda jenħtieġ li jikkontribwixxu għal koordinazzjoni msaħħa, ċertezza legali u konsistenza fir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr pont espliċitu bejn l-URSA u l-obbligi ta' reġistrazzjoni nazzjonali tan-NU, l-operaturi Ewropej jistgħu jiffaċċjaw rekwiżiti ta' reġistrazzjoni duplikati u inkonsistenti. Din il-premessa tiċċara li l-URSA jikkomplementa aktar milli jissostitwixxi l-obbligi tal-Istati Membri bħala Stati tal-illanċjar skont id-dritt internazzjonali, u jwassal simplifikazzjoni permezz ta' koordinazzjoni: saff wieħed ta' data fil-livell tal-Unjoni li jsostni aktar milli jidduplika l-qafas internazzjonali.

Emenda 823
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Jenħtieġ li ***jiġi żviluppat standard speċifiku għaċ-ċertifikat*** elettroniku***, meta jintalab mill-Kummissjoni, u dan jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-	(48) Jenħtieġ li ***jinħareġ ċertifikat*** elettroniku ***mat-tlestija tar-reġistrazzjoni fl-URSA***. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.

ispazju.

Or. en

Emenda 824
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Jenħtieġ li ***jiġi żviluppat standard speċifiku għaċ-ċertifikat*** elettroniku***, meta jintalab mill-Kummissjoni, u dan jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.	(48) Jenħtieġ li ***jinħareġ ċertifikat*** elettroniku ***mat-tlestija tar-reġistrazzjoni fl-URSO***. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.

Or. en

Emenda 825
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Jenħtieġ li jiġi żviluppat standard speċifiku għaċ-ċertifikat elettroniku, meta jintalab mill-Kummissjoni, u dan jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u b'hekk jiggarantixxi l-	(48) Jenħtieġ li jiġi żviluppat ***mudell Ewropew*** standard speċifiku għaċ-ċertifikat elettroniku, meta jintalab mill-Kummissjoni, u dan jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikat elettroniku jistabbilixxi r-rabta bejn oġġett spazjali partikolari u d-data bbażata fuq l-ispazju li tkun ġiet iġġenerata bl-użu tiegħu, u

integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.	b'hekk jiggarantixxi l-integrità ta' dik id-data bbażata fuq l-ispazju.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Li jkun hemm mudell Ewropew standard speċifiku għaċ-ċertifikat elettroniku se jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha billi se jiffaċilita l-proċeduri.

Emenda 826
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti, jinħatfu l-benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi u t-tnaqqis fil-kostijiet assoċjati, u jkun żgurat aċċess aħjar għall-kapital, jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. F'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, jenħtieġ li jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida għall-kostellazzjoni satellitari kollha.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 827
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Biex tiġi indirizzata d-domanda	(49) Biex tiġi indirizzata d-domanda

dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti***, jinħatfu l-benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi u t-tnaqqis fil-kostijiet assoċjati, u jkun żgurat aċċess aħjar għall-kapital,*** jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. F'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, jenħtieġ li jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida għall-kostellazzjoni satellitari kollha.	dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. ***Għalhekk,*** f'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, jenħtieġ li jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida għall-kostellazzjoni satellitari kollha.

Or. en

Emenda 828
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti, jinħatfu l-benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi u t-tnaqqis fil-kostijiet assoċjati, u jkun żgurat aċċess aħjar għall-kapital, jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. F'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, ***jenħtieġ li*** jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida ***għall-kostellazzjoni satellitari kollha***.	(49) Biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem akbar tal-klijenti għall-offerti tas-satelliti, jinħatfu l-benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi u t-tnaqqis fil-kostijiet assoċjati, u jkun żgurat aċċess aħjar għall-kapital, jenħtieġ li jiġu simplifikati l-proċessi tal-awtorizzazzjoni għall-illanċjar ta' kostellazzjonijiet satellitari. F'ċerti kundizzjonijiet, u soġġetta għal sett ta' salvagwardji, ***jista'*** jkun hemm proċedura tal-awtorizzazzjoni simplifikata li twassal għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni unika valida ***għal diversi satelliti f'kostellazzjoni***.

Or. en

Emenda 829
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament

Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Filwaqt li jagħraf in-natura u l-objettivi speċifiċi ta' inġenju spazjali tar-riċerka, li jibqa' strumentali fl-avvanz tal-għarfien xjentifiku u tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eżenzjonijiet għal dawn il-kategoriji biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, u biex fl-istess ħin ikunu żgurati s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-orbiti.	(50) Filwaqt li jagħraf in-natura u l-objettivi speċifiċi ta' inġenju spazjali tar-riċerka, li jibqa' strumentali fl-avvanz tal-għarfien xjentifiku u tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, ***il-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi pubbliċi u privati se tkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp ta' ekosistema spazjali robusta li tkun kapaċi tirrispondi għall-isfidi attwali u futuri, u huwa għalhekk li*** dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti eżenzjonijiet għal dawn il-kategoriji biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, u biex fl-istess ħin ikunu żgurati s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-orbiti.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'settur b'saħħtu li kapaċi jevolvi b'mod kostanti u rapidu b'reazzjoni għall-iżviluppi f'teknoloġiji ġodda, il-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati se tkun ukoll ta' benefiċċju għar-reazzjoni għall-isfidi attwali u futuri.

Emenda 830
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Filwaqt li jagħraf in-natura u l-objettivi speċifiċi ta' ***inġenju spazjali*** tar-riċerka, li jibqa' strumentali fl-avvanz tal-għarfien xjentifiku u tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti ***eżenzjonijiet għal dawn il-kategoriji*** biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, u biex fl-istess ħin ikunu żgurati s-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-orbiti.	(50) Filwaqt li jagħraf in-natura u l-objettivi speċifiċi ta' ***istituzzjonijiet*** tar-riċerka, li jibqa' strumentali fl-avvanz tal-għarfien xjentifiku u tal-kapaċitajiet teknoloġiċi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ***kapaċitajiet ta' appoġġ tekniku u l-finanzjament għal*** ċerti ***kategoriji*** biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, u biex fl-istess ħin ikunu żgurati s-sikurezza u s-

sostenibbiltà tal-orbiti.

Or. fr

Emenda 831
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kalkolu tal-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 832
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka,	***imħassar***

dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kalkolu tal-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 833
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll ***mill-kalkolu*** tal-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju.	(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju, bħala intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja*** jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) ***u l-ISOS*** jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll ***mill-istima*** tal-impronta ambjentali (EF) tal-attivitajiet fl-ispazju. ***Jenħtieġ li fl-istima tal-EF jingħataw perjodi ta' tranżizzjoni itwal lil intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,***

u istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni.

Or. en

Emenda 834
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kalkolu ***tal-impronta ambjentali (EF)*** tal-attivitajiet fl-ispazju.	(51) L-operaturi spazjali jenħtieġ li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet apposta mir-regoli stabbiliti fl-oqsma differenti koperti minn dan ir-Regolament. Meta jwettqu missjonijiet spazjali tar-riċerka, dawn jenħtieġ li jiġu eżentati minn ċerti regoli tas-sikurezza. Bl-istess mod, l-operaturi spazjali li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju, kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja*** jew li huma istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni jenħtieġ li japplikaw ġestjoni tar-riskju simplifikata li tkun tiffoka fuq l-assi kritiċi u li tindirizza r-riskji ewlenin ***u għandhom jingħataw perjodi ta' tranżizzjoni itwal għal dawn l-entitajiet fl-istima tal-impronta ambjentali (EF)***. Il-missjonijiet spazjali ta' Dimostrazzjoni u Validazzjoni ġol-Orbita (IOD/IOV) ***u l-ISOS*** jenħtieġ li jiġu eżentati wkoll mill-kalkolu ***tal-EF*** tal-attivitajiet fl-ispazju.

Or. en

Emenda 835
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.	(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni. ***Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jqis l-istadju tal-maturità tad-disinn tal-assi spazjali li diġà qed jiġu żviluppati fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex jiġi evitat li jiġu imposti obbligi sproporzjonati fuq operaturi li diġà għamlu impenji irriversibbli ta' disinn fil-livell tas-sistema. It-tlestija tar-Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema, bħala l-aktar stadju importanti formali bikri li fih ir-rekwiżiti funzjonali u ta' prestazzjoni ta' assi spazjali jiġu stabbiliti bħala bażi, jenħtieġ li sservi bħala l-punt ta' referenza għall-eliġibbiltà għar-reġim tranżizzjonali stabbilit skont l-Artikolu 118.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rieżami tar-Rekwiżiti tas-Sistema (SRR) huwa l-istadju importanti formali li fih l-arkitettura tal-inġenju spazjali tiġi ffissata b'mod irriversibbli. L-użu tal-SRR bħala l-limitu ta' eliġibbiltà għar-reġim tranżizzjonali skont l-Artikolu 118 huwa proporzjonalità bażika: l-operaturi li diġà impenjaw ruħhom għal disinn ma jistgħux jiddisinjaw mill-ġdid b'mod raġonevoli biex jikkonformaw mar-rekwiżiti adottati wara dak il-punt. Rekwiżiti ġodda japplikaw għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' inġenji spazjali, mhux għal sistemi li d-disinn tagħhom huwa ffriżat.

Emenda 836
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. ***Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.***	(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST.

Or. en

Emenda 837
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.	(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti, sostenibbli u kosteffiċjenti għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika ***u l-kompetittività***, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni***, filwaqt li***

joħloq il-bilanċ it-tajjeb bejn il-libertà tal-operaturi li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja li qed tevolvi b'rata mgħaġġla, inkluż fil-qasam tal-attivitajiet spazjali, hemm bżonn li r-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda jintrabtu flimkien, filwaqt li jiġu protetti wkoll l-interessi tal-partijiet kollha kkonċernati.

Emenda 838
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti**,** sostenibbli ***u kosteffiċjenti*** għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.	(52) Li jkun żgurat aċċess sikur, reżiljenti ***u*** sostenibbli għall-ispazju hu kruċjali biex jinkisbu bosta servizzi varji u jingħata appoġġ lir-riċerka xjentifika, u dan jeħtieġ ikun allinjat mal-prinċipji u d-drittijiet ewlenin minquxa fl-OST. Fl-istess ħin, l-operaturi tal-illanċjar jaf ikollhom bżonn ukoll iż-żmien biex jadattaw għall-miżuri l-ġodda tas-sikurezza fl-illanċjar. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi mekkaniżmu xieraq biex jiżgura l-aċċess għall-ispazju filwaqt li l-industrija tadatta għal-linja bażi l-ġdida tas-sikurezza stabbilita fil-livell tal-Unjoni.

Or. fr

Emenda 839
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(53) Il-konġestjoni ta' ċerti orbiti, li twassal għal riskju akbar ta' kolliżjoni tas-satelliti u proliferazzjoni tar-residwi spazjali, kif ukoll ix-xenarju ta' theddid ġeopolitiku li fih riskju akbar għaċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, flimkien mar-riskju ta' kuntatt fiżiku fl-ispazju, bħall-prossimità u t-tfixkil, jikkostitwixxu sfidi ta' natura dinjija li ħafna nazzjonijiet li joperaw fl-ispazju bdew jindirizzaw.	(53) Il-konġestjoni ta' ċerti orbiti, li twassal għal riskju akbar ta' kolliżjoni tas-satelliti u proliferazzjoni tar-residwi spazjali, kif ukoll ix-xenarju ta' theddid ġeopolitiku li fih riskju akbar għaċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, flimkien mar-riskju ta' kuntatt fiżiku fl-ispazju, bħall-prossimità u t-tfixkil, jikkostitwixxu sfidi ta' natura dinjija li ħafna nazzjonijiet li joperaw fl-ispazju bdew jindirizzaw. ***Fid-dawl ta' dawn l-isfidi transfruntiera, approċċ ibbażat fuq il-kooperazzjoni internazzjonali biss jippermetti li jiġu ddefiniti l-istandards komuni li jistgħu jiggarantixxu s-sigurtà u l-validità fil-futur tal-attivitajiet fl-ispazju għall-interess tal-ben komuni.***
	Or. fr

Emenda 840
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Il-konġestjoni ta' ċerti orbiti, li ***twassal*** għal riskju akbar ta' kolliżjoni tas-satelliti u proliferazzjoni tar-residwi spazjali, kif ukoll ix-xenarju ta' theddid ġeopolitiku li fih riskju akbar għaċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, flimkien mar-riskju ta' kuntatt fiżiku fl-ispazju, bħall-prossimità u t-tfixkil, jikkostitwixxu sfidi ta' natura dinjija li ħafna nazzjonijiet li joperaw fl-ispazju bdew jindirizzaw.	(53) Il-konġestjoni ta' ċerti orbiti***, il-kobor dejjem jikber tal-illanċjar u l-kostellazzjonijiet tas-satelliti***, li ***jwasslu*** għal riskju akbar ta' kolliżjoni tas-satelliti u proliferazzjoni tar-residwi spazjali, kif ukoll ix-xenarju ta' theddid ġeopolitiku li fih riskju akbar għaċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali, flimkien mar-riskju ta' kuntatt fiżiku fl-ispazju, bħall-prossimità u t-tfixkil, jikkostitwixxu sfidi ta' natura dinjija li ħafna nazzjonijiet li joperaw fl-ispazju bdew jindirizzaw.
	Or. en

Emenda 841
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 53a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(53a) Iż-żieda rapida fl-għadd ta' oġġetti ta' orbita dinjija, inkluż ir-residwi spazjali, tikkostitwixxi riskju li qed jikber għas-sigurtà, is-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju; dawn ir-riskji, minħabba n-natura intrinsikament tranżnazzjonali tagħhom, ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod effettiv b'azzjonijiet unilaterali; għahekk jeħtieġ li tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' programm internazzjonali ddedikat għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis fl-orbita, ibbażat fuq kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex l-ispazju ekstratmosferiku jiġi ppreżervat bħala ben komuni għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Or. fr

Emenda 842
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Minn lanċjaturi mikro sa tqal, is-suq tal-lanċjaturi evolva. Qed jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda, bħall-użu mill-ġdid, pereżempju, tal-ewwel stadju u l-aċċelleraturi tal-vetturi tal-illanċjar. ***Aktar Stati Membri qed jiżviluppaw kapaċitajiet*** tal-illanċjar ***u b'hekk qed jintensifikaw l-aċċess għall-ispazju***.	(54) Minn lanċjaturi mikro sa tqal, is-suq tal-lanċjaturi evolva. Qed jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda, bħall-użu mill-ġdid, pereżempju, tal-ewwel stadju u l-aċċelleraturi tal-vetturi tal-illanċjar. ***L-irkupru ta' stadji tal-vetturi*** tal-illanċjar ***li jistgħu jerġgħu jintużaw wara d-dħul mill-ġdid fl-atmosfera u s-separazzjoni mit-tagħbija utli jikkostitwixxi fażi operazzjonali distinta — il-fażi tal-irkupru — li matulha jinqalgħu riskji speċifiċi għas-sikurezza, inkluż ir-riskju***

ta' impatt ta' residwi f'każ ta' falliment fl-irkupru, u li tirrikjedi koordinazzjoni mal-awtoritajiet marittimi u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fiż-żona tal-irkupru magħżula. Barra minn hekk, ir-rekwiżit li jiġu ddisinjati stadji tal-vetturi tal-illanċjar b'tali mod li jiddiżintegraw ruħhom fl-atmosfera mad-dħul mill-ġdid huwa strutturalment inkompatibbli mal-istadji ddisinjati speċifikament għas-sopravivenza tad-dħul mill-ġdid għall-fini ta' rkupru. Ir-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli għal vetturi tal-illanċjar li jistgħu jerġgħu jintużaw jenħtieġ li jqisu l-ispeċifiċitajiet tekniċi tagħhom, inklużi, fejn xieraq, derogi mmirati mir-rekwiżiti tad-disinn għall-għeluq, dment li jintwera livell ekwivalenti ta' sikurezza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Stadju ta' rokit maħdum biex jissopravivi wara d-dħul mill-ġdid fl-atmosfera għall-irkupru ma jistax jiġi ddisinjat ukoll biex jiddiżintegra ruħu meta jerġa' jidħol fl-atmosfera: iż-żewġ objettivi huma fiżikament inkompatibbli. Jekk ma jiġix indirizzat dan, l-obbligu li jiddiżintegra ruħu effettivament jipprojbixxi t-teknoloġija tal-illanċjar li tista' terġa' tintuża li fiha l-industrija Ewropea qed tinvesti l-aktar. Il-fażi tal-irkupru hija stabbilita bħala kategorija operazzjonali distinta bil-loġika ta' sikurezza tagħha stess, li tippreżerva l-kompetittività Ewropea fis-segment l-aktar kummerċjalment dinamiku tas-suq tal-illanċjar.

Emenda 843
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Minn ***lanċjaturi*** mikro sa tqal, is-suq tal-illanċjar evolva. Qed jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda, bħall-użu mill-ġdid, pereżempju, tal-ewwel stadju u l-aċċelleraturi tal-vetturi tal-illanċjar. Aktar Stati Membri qed jiżviluppaw kapaċitajiet	(54) Minn ***vetturi tal-illanċjar*** mikro sa tqal, is-suq tal-illanċjar evolva. Qed jiġu żviluppati kapaċitajiet ġodda, bħall-użu mill-ġdid, pereżempju, tal-ewwel stadju u l-aċċelleraturi tal-vetturi tal-illanċjar. Aktar Stati Membri qed jiżviluppaw kapaċitajiet

tal-illanċjar u b'hekk qed jintensifikaw l-aċċess għall-ispazju.	tal-illanċjar u b'hekk qed jintensifikaw l-aċċess għall-ispazju.

Or. en

Emenda 844
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar ***tħalli*** wkoll ***konsegwenzi*** fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. ***Iż-żieda*** fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq ***il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku*** tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. ***Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni***. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. ***Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard.*** Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. ***Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu***	(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar ***tirriżulta*** wkoll ***fi sfidi addizzjonali*** fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. ***L-impatt ta' żieda*** fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll ***iħalli*** impatt negattiv fuq ***it-traffiku*** tal-ajru u marittimu***; għalhekk*** jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha.

joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 845
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-	(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-

perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.	perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju. ***Sabiex jiġi pprovdut standard ta' sikurezza armonizzat, kwantifikabbli u verifikabbli, jenħtieġ li japplika limitu ta' riskju ta' diżgrazzji li jirrifletti l-aħjar prattiki bħala l-linja bażi komuni ta' sikurezza għall-attivitajiet kollha tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kull Stat Membru b'infrastruttura tal-illanċjar illum japplika l-metodoloġija nazzjonali tiegħu stess biex jikkalkula r-riskju aċċettabbli ta' diżgrazzji fuq l-art, b'limiti diverġenti li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn is-siti Ewropej tal-illanċjar. Livell limitu komuni tal-Unjoni jagħti lill-operaturi standard wieħed biex jiddiżinjaw irrispettivament mis-sit tal-illanċjar, jissostitwixxi 27 approċċ nazzjonali b'punt ta' riferiment wieħed li jista' jiġi verifikat, u jipprovdi l-kundizzjonijiet ekwi li jeħtieġ is-suq intern.

Emenda 846
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. ***Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard.*** Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.	(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-fażi tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.
	Or. en

Emenda 847

Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika**,** ambjentali ***u effiċjenti tal-Ajru Uniku Ewropew***. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-faži tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-	(55) L-aċċess għall-ispazju hu kruċjali għall-awtonomija strateġika tal-UE. Iżda żieda fit-traffiku tal-illanċjar tħalli wkoll konsegwenzi fuq is-sikurezza tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid u fuq is-sikurezza fl-ajru u fl-art. Iż-żieda fit-traffiku tal-illanċjar fl-ispazju jaf ukoll tħalli impatt negattiv fuq il-prestazzjoni ekonomika ***u*** ambjentali. Ir-riskju ta' tfixkil fit-traffiku tal-ajru u marittimu jenħtieġ li jiġi minimizzat bi qbil mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-fornituri kompetenti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru fil-livell nazzjonali tikkontribwixxi biex jiġu limitati l-impatti tat-tfixkil tat-traffiku u r-riskju ta' kolliżjoni. Meta l-illanċjar fl-ispazju jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed, hemm bżonn il-koordinazzjoni fil-ħin bejn l-operaturi spazjali u l-Meniġer tan-Network Ewropew. Din il-koordinazzjoni jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni tad-daqs tal-għeluq tal-ispazju tal-ajru Ewropew, il-perjodu u r-rotot tal-ajru affettwati. Il-mekkaniżmi adegwati tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-użu tal-ispazju tal-ajru jenħtieġ li jiġu stabbiliti biss fi stadju aktar tard. Dan se jinċentiva l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju tal-ajru għall-utenti kollha. Barra minn hekk, l-istadji tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid jistgħu joħolqu wkoll riskju ta' diżgrazzja fl-art li jeħtieġ jiġi limitati b'koordinazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti u mal-fornituri tas-servizzi tat-traffiku affettwati. Ir-riskju dejjem akbar ta' kolliżjoni ma' inġenji tal-ajru waqt il-faži tat-tranżizzjoni tal-illanċjar u d-dħul mill-ġdid fl-ispazju jista' jiġi appoġġat b'metodoloġiji tas-sikurezza tal-avjazzjoni stabbiliti sew u l-aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.

aqwa prattiki fil-valutazzjoni tar-riskju.

Or. fr

Emenda 848
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.	(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati. ***Meta s-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà tirrikjedi intervent immedjat matul il-fażi tal-illanċjar li ma jistax jistenna proċeduri amministrattivi ordinarji, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tingħata s-setgħa li toħroġ struzzjonijiet operazzjonali vinkolanti f'ħin reali lill-operatur tal-illanċjar, inkluża l-awtorità li tattiva sistemi ta' newtralizzazzjoni abbord sabiex tipprevjeni ħsara imminenti lill-persuni jew lill-proprjetà. Dik l-awtorità tas-sikurezza f'ħin reali hija salvagwardja operazzjonali essenzjali li tikkomplementa l-valutazzjoni tar-riskju ta' qabel l-illanċjar u jenħtieġ li tiġi eżerċitata f'koordinazzjoni mal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni għall-evitar tal-kolliżjonijiet. Il-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' tali awtorità f'ħin reali, inklużi l-ktajjen tad-deċiżjonijiet, il-mekkaniżmi tal-koordinazzjoni u s-salvagwardji, jenħtieġ li jiġu speċifikati f'dan ir-Regolament u, meta meħtieġ, dettaljati aktar permezz ta' atti delegati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Vettura tal-illanċjar li titbiegħed mit-trajettorja nominali tagħha toħloq riskju immedjat u kritiku fil-ħin li l-mezzi amministrattivi ordinarji ma jistgħux jindirizzaw. Kull awtorità tal-illanċjar responsabbli teżerċita setgħa ta' newtralizzazzjoni f'ħin reali de facto llum; tikkodifikaha espliċitament fid-dritt tal-Unjoni bi ktajjen tal-koordinazzjoni ċari li jinvolvu fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-fornitur tal-Unjoni għall-evitar tal-kolliżjonijiet jittrasforma prattika nazzjonali informali fi standard tal-Unjoni legalment ċert u kkoordinat.

Emenda 849
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.	(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati. ***Sa dan il-punt, jenħtieġ li l-operaturi spazjali jkunu responsabbli għall-aspetti kollha tal-attivitajiet fl-ispazju tagħhom u tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-missjonijiet spazjali tagħhom. Jenħtieġ li tali responsabbiltà tkopri s-sikurezza, ir-reżiljenza, u s-sostenibbiltà u jenħtieġ li tapplika kemm għall-ispazju kif ukoll għad-dinja. Jenħtieġ li l-operaturi spazjali jerfgħu wkoll ir-responsabbiltà finanzjarja u organizzazzjonali għall-ġestjoni tal-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-oġġetti u s-servizzi tagħhom. Hekk kif l-attivitajiet fl-ispazju qed jespandu b'mod esponenzjali, xprunati mir-rati ta' llanċjar li qed jiżdiedu u mill-kostellazzjonijiet satellitari dejjem akbar, il-pressjoni ambjentali assoċjata qed tintensifika.***

Filwaqt li din l-espansjoni ġġenerat dħul ġdid għall-operaturi spazjali, ma kinitx akkumpanjata minn żieda proporzjonali fir-responsabbiltà finanzjarja tal-operaturi għall-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħhom.

Or. en

Emenda 850
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.	(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx ***u jiġu mmonitorjati*** sew ***u jekk ma jkunx hemm komunikazzjoni xierqa bejn l-Istati Membri dwar tali llanċjar***. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-komunikazzjoni minn u lejn l-Istati Membri dwar firxa ta' attivitajiet fil-qasam tal-ispazju hija essenzjali sabiex jiġu evitati aċċidenti u inċidenti tekniċi possibbli.

Emenda 851
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(56) L-attivitajiet tal-illanċjar ***huma intrinsikament riskjużi u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti*** regoli biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.	(56) L-attivitajiet tal-illanċjar ***jirrikjedu*** regoli ***xierqa*** biex ikun żgurat li l-lanċjaturi jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.

Or. en

Emenda 852
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi ***u jistgħu jikkawżaw ħsara irriversibbli jekk ma jitmexxewx sew***. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li ***l-lanċjaturi*** jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.	(56) L-attivitajiet tal-illanċjar huma intrinsikament riskjużi. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex ikun żgurat li ***l-vetturi tal-illanċjar*** jkunu jistgħu jiġu traċċati u ssirilhom valutazzjoni tar-riskju li tidentifika u tistabbilixxi diversi miżuri li jtaffu, sa fejn possibbli, ir-riskji assoċjati.

Or. en

Emenda 853
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) L-operazzjonijiet ta' llanċjar jinvolvu riskju li tiġi kkawżata ħsara lil partijiet terzi fuq wiċċ id-dinja, fl-ispazju

tal-ajru u, fejn applikabbli, fl-ispazju ekstratmosferiku. Għalhekk, l-operaturi spazjali li jwettqu operazzjonijiet tal-illanċjar u l-operaturi tas-siti tal-illanċjar jenħtieġ li jkunu meħtieġa jkollhom assigurazzjoni jew garanzija finanzjarja approvata oħra li tkopri l-ħsara potenzjali kkawżata lil partijiet terzi matul il-fażi tal-illanċjar. Il-livell ta' dik l-assigurazzjoni jew garanzija finanzjarja jenħtieġ li jkun proporzjonat għar-riskji speċifiċi ta' kull operazzjoni ta' llanċjar, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, in-natura u l-iskala tal-illanċjar u l-karatteristiċi tas-sit tal-illanċjar. Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi jiġu kkumpensati b'mod effettiv meta l-operatur responsabbli ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu bis-sħiħ, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu garanzija tal-Istat, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali, għall-parti tal-kumpens li taqbeż il-limitu stabbilit fl-awtorizzazzjoni, fil-każijiet previsti minn dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ linji gwida dwar ir-rekwiżiti minimi għas-sistemi nazzjonali ta' garanzija mill-Istat. Ir-rekwiżiti minimi għall-assigurazzjoni u l-garanziji finanzjarji jenħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' atti delegati. Dan il-qafas jenħtieġ li jkun konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi spazjali internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operazzjonijiet ta' llanċjar joħolqu riskji residwi ta' ħsara lil partijiet terzi li ma jistgħux jiġu eliminati għalkollox permezz ta' mitigazzjoni teknika biss. Għalhekk huma meħtieġa regoli ċari dwar l-assigurazzjoni, il-garanziji finanzjarji u l-appoġġ mill-Istat biex jiġu protetti l-vittmi potenzjali, tissaħħaħ iċ-ċertezza legali u jiġi żgurat qafas aktar koerenti għall-attivitajiet ta' llanċjar fl-Unjoni.

Emenda 854
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) Hekk kif l-impatti ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju qed jiżdiedu, u minħabba l-possibbiltajiet limitati biex jiġu mmitigati dawk l-impatti, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu approċċ kawt lejn missjonijiet li ma għandhomx finijiet ta' riċerka xjentifika jew soċjetali. Jenħtieġ li tali missjonijiet bħat-turiżmu spazjali ma jiġux awtorizzati fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-diżinċentivi finanzjarji fil-forma ta' tariffi tal-Aġenzija proporzjonalment ogħla japplikaw għal operaturi li jwettqu tali missjonijiet barra mill-Unjoni filwaqt li jwettqu wkoll attivitajiet oħra awtorizzati fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 855
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.	(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. ***Din il-proliferazzjoni tar-residwi żżid ir-riskju ta' effett ta' kaskata, magħruf taħt l-isem avveniment Kessler, fejn kull kolliżjoni tiġġenera frammenti ġodda suxxettibbli biex jiskattaw kolliżjonijiet oħra, li jwassal biex ċerti orbiti ma jkunux jistgħu jintużaw. Din***

thedded ukoll is-sigurtà tas-satelliti operattivi essenzjali għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u l-osservazzjoni tad-dinja, kif ukoll dik tal-missjonijiet abitati. Barra minn hekk, il-kostijiet marbuta mal-produzzjoni, il-monitoraġġ u l-evitar tar-residwi jiżdiedu b'mod sinifikanti għall-operaturi, tant li l-kapaċitajiet ta' sorveljanza spazjali jiġu soġġetti għal pressjoni qawwija. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari. ***Is-sitwazzjoni hija kritika u jenħtieġ li jiġi approvat rispons globali.***

Or. fr

Emenda 856
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.	(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi***, u huwa għalhekk li jenħtieġ li jiġu imposti obbligi ċari ta' disponiment fi tmiem il-ħajja tagħhom. Pereżempju, is-satelliti f'Orbita Baxxa (LEO) jenħtieġ li jkunu soġġetti għal diżorbiti kkontrollati jew jiġu trasferiti għal orbiti "ċimiterju" fi żmien limitat (tipikament 25 sena jew inqas)***. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji

spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-settur spazjali rriżulta f'għadd dejjem jikber ta' oġġetti li qed jiġu llanċjati fl-ispazju, u huwa għalhekk li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti miżuri ċari u vijabbli għad-disponiment ta' dawn l-oġġetti spazjali ta' dimensjonijiet varji fi tmiem il-ħajja operazzjonali tagħhom.

Emenda 857
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.	(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari. ***Għalhekk, jenħtieġ li jkun hemm investiment fir-riċerka dwar ir-RŻI sabiex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' residwi spazjali ġodda u jiġu żviluppati mekkaniżmi għall-irkupru ta' residwi spazjali eżistenti, u jiġi żgurat li l-innovazzjonijiet li jirriżultaw mir-riċerka msemmija hawn fuq ikunu jistgħu jiddaħħlu fis-suq b'mod tanġibbli.***

Or. en

Emenda 858
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju ***se*** ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. ***Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit). Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.***	(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju ***tista'*** ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju.

Or. en

Emenda 859
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit).	(57) Il-projezzjonijiet juru li, anke mingħajr illanċjar ġdid, il-kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali li diġà hemm fl-ispazju se ssir sors qawwi ta' residwi. Ir-riskju ta' kolliżjoni bejn l-oġġetti spazjali fl-aħħar mill-aħħar jixħet pressjoni fuq l-Orbita Dinjija Baxxa (LEO) diġà konġestjonata, u dan joħloq riskju għall-aċċess futur għall-ispazju. Mil-lat ta' massa, ħafna mir-residwi spazjali ***kienu*** jiġu minn partijiet ta' vetturi tal-illanċjar (korpi tar-rokit).

Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari.	Sadanittant, in-numru ta' inġenji spazjali ġol-orbita qed jiżdied malajr minħabba l-iżviluppi tal-kostellazzjonijiet satellitari***, u b'hekk jiżdied ir-riskju aggregat ta' kolliżjoni***.

Or. en

Emenda 860
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, hemm bżonn ikun żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jipproduċu l-inqas ammont ta' residwi possibbli. Il-prevenzjoni tar-residwi hi wkoll konformi mal-approċċ ta' prevenzjoni bħala l-ewwel stadju fil-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[10]. Għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti obbligi fil-fażi tad-disinn, kif ukoll tul il-ħajja orbitali. Dan il-bżonn hu rikonoxxut ukoll fil-livell internazzjonali, fejn ġew adottati diversi standards mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.	***imħassar***

[10] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/2024

-02-18)

Or. en

Emenda 861
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, ***hemm bżonn ikun*** żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali ***jipproduċu*** l-inqas ***ammont*** ta' residwi possibbli. ***Il-prevenzjoni tar-residwi hi wkoll konformi mal-approċċ ta' prevenzjoni bħala l-ewwel stadju fil-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[10]. Għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti obbligi fil-fażi tad-disinn, kif ukoll tul il-ħajja orbitali. Dan il-bżonn hu rikonoxxut ukoll fil-livell internazzjonali, fejn ġew adottati diversi standards mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)***. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.	(58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, ***irid jiġi*** żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali ***jkollhom*** l-inqas ***impatt*** ta' residwi possibbli ***fuq l-orbita u l-atmosfera***. Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.

[10] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/2024-02-18)

Or. en

Emenda 862
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, hemm bżonn ikun żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jipproduċu l-inqas ammont ta' residwi possibbli. Il-prevenzjoni tar-residwi hi wkoll konformi mal-approċċ ta' prevenzjoni bħala l-ewwel stadju fil-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[10]. Għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti obbligi fil-fażi tad-disinn, kif ukoll tul il-ħajja orbitali. Dan il-bżonn hu rikonoxxut ukoll fil-livell internazzjonali, fejn ġew adottati diversi standards mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.	(58) Biex l-ambjent spazjali jiġi protett, hemm bżonn ikun żgurat li l-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jipproduċu l-inqas ammont ta' residwi possibbli. Il-prevenzjoni tar-residwi hi wkoll konformi mal-approċċ ta' prevenzjoni bħala l-ewwel stadju fil-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[10]. Għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti obbligi fil-fażi tad-disinn, kif ukoll tul il-ħajja orbitali. Dan il-bżonn hu rikonoxxut ukoll fil-livell internazzjonali, fejn ġew adottati diversi standards mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). ***L-Unjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi l-ISO 24113, l-ISO 20893 u l-ECSS-U-AS-10C Rev. 2 bħala standards ta' referenza tekniċi vinkolanti għall-mitigazzjoni tar-residwi spazjali. L-Anness II u l-Anness V jenħtieġ li japplikaw biss fejn jipprovdu rekwiżiti aktar avvanzati jew ikun fihom materjal mhux kopert mill-ISO/ECSS.*** Għalhekk, l-awtorizzazzjoni biex isiru attivitajiet fl-ispazju jenħtieġ li tkun marbuta mas-sottomissjoni mill-operaturi spazjali ta' pjanijiet speċifiċi tar-residwi spazjali biex juru kif il-vetturi tal-illanċjar u l-inġenji spazjali jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi.
[10] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/2024-02-18)	[10] Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/2024-02-18)

Or. en

Emenda 863
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 58a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58a) L-użu dejjem akbar ta' vetturi tal-illanċjar li jistgħu jerġgħu jintużaw, li jinkorporaw stadji ddisinjati biex jiġu rkuprati fuq l-art jew fuq il-baħar wara s-separazzjoni mit-tagħbija utli, jagħti lok għal riskji speċifiċi ta' sikurezza matul il-fażi tal-irkupru li mhumiex indirizzati bis-sħiħ mir-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli għall-fażi tat-tlugħ. Dawk ir-riskji jinkludu r-riskju ta' impatt tar-residwi fil-każ ta' falliment tal-irkupru, il-ħtieġa li jiġi kkoordinat l-għeluq temporanju ta' passaġġi marittimi u spazju tal-ajru kkontrollat fiż-żona tal-irkupru, u d-definizzjoni ta' proċeduri ta' kontinġenza għall-inżul mhux ikkontrollat. Għalhekk, il-pjanijiet ta' sikurezza għall-illanċjar sottomessi skont l-Artikolu 58 jenħtieġ li jindirizzaw b'mod espliċitu l-fażi tal-irkupru, inkluża d-deżinjazzjoni ta' żoni ta' esklużjoni tal-irkupru u l-proċeduri ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet marittimi u tal-avjazzjoni ċivili rilevanti. Il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 60(3) jenħtieġ li tinkludi l-fażi tal-irkupru bħala parti integrali mill-operazzjoni ġenerali tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operazzjonijiet ta' rkupru — l-irkupru ta' stadji tal-vetturi tal-illanċjar li jistgħu jerġgħu jintużaw fuq il-baħar jew fuq l-art — jinvolvu perikli speċifiċi li r-regoli eżistenti dwar is-sikurezza tal-illanċjar inkitbu qabel ma l-użu mill-ġdid sar in-norma tas-suq. Din il-premessa tipprovdi l-bażi politika għal rekwiżiti ddedikati għas-sikurezza tal-fażi ta' rkupru fl-Anness I,

u tiżgura li r-regolament iżomm il-pass mal-bidla teknoloġika lejn il-kapaċità ta' użu mill-ġdid mingħajr ma jinħoloq vojt regolatorju għall-fażi ta' rkupru.

Emenda 864
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 58a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58a) Il-protezzjoni kontra r-residwi spazjali jenħtieġ li tissaħħaħ permezz tal-istabbiliment ta' rekwiżiti obbligatorji dwar il-prevenzjoni ta' residwi ġodda, inkluż permezz tad-disinn xieraq tal-inġenji spazjali u l-evitar tal-frammentazzjoni tagħhom, flimkien mal-applikazzjoni ta' miżuri effettivi ta' passivazzjoni fi tmiem il-missjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat monitoraġġ Ewropew u internazzjonali kontinwu tal-oġġetti spazjali u l-koordinazzjoni tal-manuvri għall-evitar tal-kolliżjonijiet, abbażi ta' sistemi affidabbli ta' sorveljanza u traċċar. L-operaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa wkoll li jipprovdu miżuri xierqa biex ineħħu l-inġenji spazjali fi tmiem il-ħajja operazzjonali tagħhom, inkluż permezz tad-diżorbitazzjoni kkontrollata tagħhom jew it-trasferiment tagħhom f'orbiti sikuri.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-settur spazjali u l-illanċjar ta' għadd dejjem ikbar ta' satelliti jeħtieġu li jittieħdu miżuri effettivi dwar id-disponiment ta' dawn l-oġġetti spazjali fi tmiem il-ħajja operazzjonali tagħhom.

Emenda 865

Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Pascale Piera, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín, Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay, Marion Maréchal

Proposta għal regolament
Premessa 58a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58a) It-Tikketta Spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li sservi bħala għodda bbażata fuq l-inċentivi biex ittejjeb il-kompetittività u tippremja lill-operaturi bl-aħjar prestazzjoni, mingħajr ma jinħolqu pożijiet regolatorji addizzjonali.

Or. en

Emenda 866
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 58b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58b) Id-densità dejjem akbar tal-kostellazzjonijiet satellitari żżid ir-riskju ta' kolliżjonijiet fil-kostellazzjonijiet u bejniethom, li, jekk ma jiġux mitigati b'mod adegwat, jistgħu jwasslu għal avvenimenti ta' frammentazzjoni kaskata u b'hekk jaffettwaw serjament is-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku. Sabiex jiġi indirizzat dan ir-riskju b'mod proporzjonat, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi sett gradwali ta' obbligi applikabbli għall-kostellazzjonijiet satellitari. Jenħtieġ li dawk l-obbligi jiġu determinati mhux biss mill-għadd ta' satelliti li jiffurmaw kostellazzjoni, iżda wkoll mill-profil tar-riskju ġenerali tagħha, filwaqt li jitqies, b'mod partikolari, ir-reġim orbitali kkonċernat, il-manuvrabbiltà tas-satelliti, u l-affidabbiltà u s-sofistikazzjoni tal-

kapaċitajiet ta' evitar tal-kolliżjonijiet, inklużi sistemi awtomatizzati fejn rilevanti. Approċċ bħal dan ibbażat fuq ir-riskju u proporzjonat jenħtieġ li jiżgura li l-aktar rekwiżiti stretti relatati mat-trasparenza, l-evitar tal-kolliżjonijiet, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali u r-rimi fi tmiem il-ħajja japplikaw għall-kostellazzjonijiet li jippreżentaw l-ogħla riskju sistemiku, filwaqt li jiġu evitati pożijiet bla bżonn għal sistemi iżgħar jew inqas riskjużi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kostellazzjonijiet satellitari b'densità għolja joħolqu riskji sistemiċi ta' kolliżjonijiet: differenti mill-aspett kwalitattiv minn dawk tas-satelliti individwali: avveniment wieħed ta' frammentazzjoni f'orbita b'popolazzjoni densa jista' jqanqal ġenerazzjoni ta' residwi kaskata b'konsegwenzi permanenti għall-utenti orbitali kollha. Din il-premessa tistabbilixxi r-raġunament politiku għar-rekwiżiti tal-kostellazzjoni differenzjati fl-Artikolu 73, ikkalibrati mhux biss skont l-għadd ta' satelliti iżda skont il-profil tar-riskju orbitali sistemiku.

Emenda 867
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 58c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(58c) Ir-rekwiżiti ta' mitigazzjoni tar-residwi applikabbli għall-operaturi tal-inġenji spazjali skont dan ir-Regolament jindirizzaw id-disinn ta' inġenji spazjali ġodda u r-rimi tagħhom fi tmiem il-missjoni. Madankollu, ma jimponux obbligu li jitneħħew inġenji spazjali li jkunu saru mhux operazzjonali u li ma jistgħux jibqgħu jintremew bl-użu ta' sistemi abbord. It-teknoloġija attiva għat-tneħħija tar-residwi bħalissa tinsab fi stadju bikri ta' żvilupp kummerċjali. Ladarba tali teknoloġija tkun disponibbli kummerċjalment bi prezz proporzjonat, l-operaturi tal-inġenji spazjali jenħtieġ li

jkunu meħtieġa jakkwistaw servizzi attivi għat-tneħħija tar-residwi għal inġenji spazjali mhux operazzjonali operati skont awtorizzazzjoni mogħtija skont dan ir-Regolament. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw meta dak l-obbligu jidħol fis-seħħ jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-Aġenzija u determinati mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat, sabiex jiġi żgurat li l-obbligu ma jiġix attivat qabel iż-żmien jew b'mod sproporzjonat.

Or. en

Emenda 868
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Is-servizzi spazjali għas-CA tal-inġenji spazjali jeħtieġu l-kapaċità tal-inġenju spazjali biex jittrażmettu l-pożizzjoni tiegħu b'mod preċiż. Jenħtieġ li jiġu żviluppati rekwiżiti tat-traċċabbiltà li jtejbu s-servizzi pubbliċi pprovduti mis-Sħubija tal-Unjoni dwar is-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (UE-SST) ***u li jiffrankaw il-ħin u l-flus użati minn dawn is-servizzi tat-traċċar biex jiddeterminaw il-pożizzjoni orbitali bi preċiżjoni***. Il-kapaċità li jiġi traċċat inġenju spazjali jenħtieġ li tkun żgurata kemm fil-livell tal-inġenju spazjali kif ukoll fil-livell tas-segment terrestri.	(59) Is-servizzi spazjali għas-CA tal-inġenji spazjali jeħtieġu l-kapaċità tal-inġenju spazjali biex jittrażmettu l-pożizzjoni tiegħu b'mod preċiż. Jenħtieġ li jiġu żviluppati rekwiżiti tat-traċċabbiltà li jtejbu s-servizzi pubbliċi pprovduti mis-Sħubija tal-Unjoni dwar is-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (UE-SST). Il-kapaċità li jiġi traċċat inġenju spazjali jenħtieġ li tkun żgurata kemm fil-livell tal-inġenju spazjali kif ukoll fil-livell tas-segment terrestri.

Or. en

Emenda 869
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu ***essenzjali*** għall-inġenji spazjali kollha***. Dan ir-rekwiżit*** hemm bżonnu biex ***tkun żgurata ż-żamma*** ta' kuljum ***tal-istazzjon*** tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm abbonament obbligatorju għal servizz spazjali tas-CA. ***Għaldaqstant, l-entità inkarigata mill-għoti tas-servizz spazjali tas-CA ikollha bżonn turi ċerti kapaċitajiet.***	(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu ***rekwiżit*** għall-inġenji spazjali kollha ***peress li*** hemm bżonnu biex ***ikun żgurat il-pożizzjonament*** ta' kuljum tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm abbonament obbligatorju għal servizz spazjali tas-CA.

Or. en

Emenda 870
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu essenzjali għall-inġenji spazjali kollha. Dan ir-rekwiżit hemm bżonnu biex tkun żgurata ż-żamma ta' kuljum tal-istazzjon tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm abbonament obbligatorju għal servizz spazjali tas-CA. ***Għaldaqstant, l-entità inkarigata mill-għoti tas-servizz spazjali tas-CA ikollha bżonn turi ċerti kapaċitajiet.***	(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu essenzjali għall-inġenji spazjali kollha. Dan ir-rekwiżit hemm bżonnu biex tkun żgurata ż-żamma ta' kuljum tal-istazzjon tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm abbonament obbligatorju għal servizz spazjali tas-CA.

Or. en

Emenda 871
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu essenzjali għall-inġenji spazjali kollha. Dan ir-rekwiżit hemm bżonnu biex tkun żgurata ż-żamma ta' kuljum tal-istazzjon tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm ***abbonament*** obbligatorju ***għal servizz*** spazjali tas-CA. ***Għaldaqstant, l-entità inkarigata mill-għoti tas-servizz spazjali tas-CA ikollha bżonn turi ċerti kapaċitajiet.***	(60) Minħabba ż-żieda fir-residwi u t-traffiku orbitali, l-użu ta' servizz spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet hu essenzjali għall-inġenji spazjali kollha. Dan ir-rekwiżit hemm bżonnu biex tkun żgurata ż-żamma ta' kuljum tal-istazzjon tal-inġenju spazjali. Fil-qalba tar-rekwiżiti tas-sikurezza spazjali jenħtieġ li jkun hemm ***l-abbonament*** obbligatorju ***għas-servizz*** spazjali tas-CA ***tal-Unjoni***.

Or. fr

Emenda 872
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Barra minn hekk, il-fatt li jkollok entità inkarigata mis-servizz CA għall-inġenji spazjali kollha fl-Unjoni jenħtieġ li jtejjeb il-koordinazzjoni tar-risponsi għal Twissija ta' Avveniment ta' Interess Għoli ("twissija HIE") u jillimita wkoll ir-riskju li dik it-twissija tattiva strateġiji ta' reazzjoni differenti, li minnhom infushom jistgħu potenzjalment iwasslu għal kolliżjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 873
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Żviluppata bħala parti mill-komponent tal-SSA, skont ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, is-Sħubija EU-SST, jew l-entitajiet suċċessuri tagħha uriet li, permezz tas-sensuri u l-għarfien espert żviluppat sew tagħha, kapaċi timmaniġġja għadd kbir ta' inġenji spazjali u għalhekk uriet li hi adegwata biex tkun l-entità tal-fornitur tas-servizzi spazjali tas-CA tal-Unjoni, inkarigata mis-servizz spazjali tas-CA.	***imħassar***

Or. en

Emenda 874
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 62a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(62a) Il-ħolqien ta' servizzi kummerċjali ta' traċċar u evitar tal-kolliżjonijiet jipprovdi opportunitajiet biex tissaħħaħ is-sikurezza u r-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali permezz ta' rati għoljin ta' żjarat mill-ġdid u analitika tad-data speċjalizzata. Dawn l-offerti kummerċjali jenħtieġ li jitqiesu bħala li jipprovdu valur addizzjonali li jikkomplementa, aktar milli jissostitwixxi, is-servizzi pubbliċi pprovduti mill-Istati Membri jew minn entitajiet tal-Unjoni. Biex tiġi żgurata arkitettura tas-sikurezza

robusta u żejda għall-Unjoni, jenħtieġ li jiġu mħeġġa l-interoperabbiltà, l-istandardizzazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-forniturikummerċjali u għandhom jiġu esplorati perkorsi potenzjali ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tottimizza l-użu tas-sorsi tad-data kollha disponibbli, filwaqt li tiżgura li l-ġestjoni tat-traffiku fl-ispazju tal-Unjoni tibqa' fuq quddiem nett fl-iżvilupp teknoloġiku.

Or. en

Emenda 875
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri ***tas-CA*** u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. ***Minħabba f'hekk***, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li ***jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali,*** ħajja ***qasira fl-orbita ta' dak*** l-inġenju spazjali.	(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri ***għall-evitar tal-kolliżjonijiet*** u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju ***jew tar-rimi***. ***Minflok ma jiġi applikat limitu ta' altitudni fiss biex jiġi determinat liema inġenju spazjali jeħtieġlu jkun mgħammar b'kapaċità ta' manuvrar***, l-inġenji spazjali kollha ***soġġetti għal dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jkunu meħtieġa li jkunu kapaċi jwettqu manuvri ta' evitar tal-kolliżjonijiet fejn meħtieġ biex iżommu l-probabbiltà fit-tul tagħhom ta' kolliżjonijiet ma' oġġetti spazjali oħra taħt limitu definit. Il-kapaċità ta' manuvrar meħtieġa jenħtieġ li tkun proporzjonata mal-ħajja orbitali tal-inġenju spazjali u r-riskju kumulattiv ta' tal-kolliżjonijiet assoċjat mal-orbita operazzjonali tagħha, filwaqt li tiżgura li*** l-inġenju spazjali ***f'orbiti ogħla u aktar konġestjonati jkunu soġġetti għal standard ta' prestazzjoni***

aktar eżiġenti minn dawk f'orbiti baxxi tad-dinja li qed jiddeterjoraw malajr. Barra minn hekk, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali u tiġi permessa verifika oġġettiva tal-konformità, dan ir-Regolament jistabbilixxi limiti minimi kwantifikati ta' prestazzjoni għall-parametri ewlenin tal-mitigazzjoni tar-residwi: probabbiltà ta' passivazzjoni b'suċċess ta' mill-inqas 0,95 fi tmiem il-ħajja operazzjonali; u ħajja orbitali residwa massima ta' 5 snin għal inġenju spazjali f'orbita baxxa tad-dinja. Dawk il-limiti jirrappreżentaw standards minimi u jenħtieġ li jiġu aġġornati permezz ta' atti delegati hekk kif tevolvi t-teknoloġija u hekk kif jinbidel l-ambjent orbitali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu ta' altitudni fiss għar-rekwiżiti ta' manuvrabbiltà huwa arbitrarju u teknoloġikament skadut. Approċċ probabilistiku u bbażat fuq ir-riskju — ikkalibrat għal jekk inġenju spazjali jistax juri tnaqqis adegwat tar-riskju ta' kolliżjoni irrispettivament mill-altitudni — huwa kemm aktar protettiv kif ukoll aktar proporzjonat. Din il-premessa tipprovdi r-raġunament politiku għar-rekwiżiti ta' manuvrabbiltà bbażati fuq il-prestazzjoni introdotti fl-Artikolu 66.

Emenda 876
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà***, ħlief l-inġenji*** spazjali mqiegħda ***taħt*** l-400 km, ***għax*** ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.	(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà***. Għall-inġenji*** spazjali mqiegħda ***bejn*** l-400 ***u s-600*** km, ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali***, u***

	għalhekk il-manuvrabbiltà ma għandhiex tkun meħtieġa fejn il-ħajja fl-orbita ma taqbiżx il-25 sena. Ir-rekwiżiti ta' manuvrabbiltà għandhom ikunu differenzjati skont il-klassi tal-inġenju spazjali u r-reġim tal-orbita fl-atti ta' implimentazzjoni, u għandhom jinkludu definizzjoni tar-rekwiżiti ta' "manuvrabbiltà" skont il-klassi tal-inġenju spazjali u r-reġim tal-orbita.

Or. en

Emenda 877
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.	(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi ***jiġi llimitat l-għadd ta' satelliti fl-ispazju, billi tiġi stabbilita strateġija tas-sobrjetà bbażata fuq riflessjoni tal-ħtiġijiet essenzjali ssodisfati mis-satelliti. Sabiex dawn l-użi jitqiesu bħala essenzjali, jeħtieġ li*** jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.

Or. fr

Emenda 878
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.	(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq tas-satelliti lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ***iżda filwaqt li jitqiesu x-xenarji ta' riskju potenzjali li jirriżultaw mill-użu ta' manuvri evażivi u ta' direzzjoni ta' inġenju spazjali, bħall-possibbiltà ta' kolliżjoni intenzjonata;*** ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.

Or. en

Emenda 879
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq ***tas-satelliti*** lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.	(63) Il-ġenerazzjoni tar-residwi jenħtieġ li tiġi evitata bl-aħjar mod billi jintalbu kapaċitajiet għat-twettiq ta' manuvri tas-CA u għaċ-ċaqliq ***tal-inġenji spazjali*** lejn orbiti ċimiterju. Minħabba f'hekk, l-inġenji spazjali kollha jenħtieġ li jkollhom kapaċità rikorrenti ta' manuvrabbiltà, ħlief l-inġenji spazjali mqiegħda taħt l-400 km, għax ir-reżistenza atmosferika f'każ bħal dan tiżgura, b'mod naturali, ħajja qasira fl-orbita ta' dak l-inġenju spazjali.

Or. en

Emenda 880
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Hi prattika komuni li l-operaturi tal-inġenji spazjali jingħataw awtorizzazzjoni biex jestendu missjoni spazjali. Iżda meta japplikaw għal estensjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jissottomettu pjanijiet rieżaminati tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali biex ikun żgurat li l-perjodu tal-missjoni mtejba ma jirriskjax li joħloq ir-residwi.	(64) Hi prattika komuni li l-operaturi tal-inġenji spazjali jingħataw awtorizzazzjoni biex jestendu missjoni spazjali. Iżda meta japplikaw għal estensjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jissottomettu pjanijiet rieżaminati tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali biex ikun żgurat li l-perjodu tal-missjoni mtejba ma jirriskjax li joħloq ir-residwi. ***F'dan il-kuntest, l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji għat-tneħħija attiva tar-residwi spazjali jenħtieġ li jiġu mħeġġa, kif ukoll il-promozzjoni ta' standards komuni tal-UE, sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' kolliżjoni u jiġi garantit l-użu sostenibbli tal-ispazju ekstratmosferiku.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-settur spazjali u l-illanċjar ta' għadd dejjem ikbar ta' satelliti jeħtieġu li jittieħdu miżuri effettivi dwar id-disponiment ta' dawn l-oġġetti spazjali fi tmiem il-ħajja operazzjonali tagħhom.

Emenda 881
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Hi prattika komuni li l-operaturi tal-inġenji spazjali jingħataw awtorizzazzjoni biex jestendu missjoni spazjali. Iżda meta japplikaw għal estensjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jissottomettu pjanijiet rieżaminati	(64) Hi prattika komuni li l-operaturi tal-inġenji spazjali jingħataw awtorizzazzjoni biex jestendu missjoni spazjali. Iżda meta japplikaw għal estensjoni, l-operaturi tal-inġenji spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jissottomettu pjanijiet rieżaminati

tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali biex ikun żgurat li l-perjodu tal-missjoni mtejba ma jirriskjax li joħloq ir-residwi.

tal-mitigazzjoni tar-residwi spazjali biex ikun żgurat li l-perjodu tal-missjoni mtejba ma jirriskjax li joħloq ir-residwi***, kif ukoll raġuni motivata li tiġġustifika din id-domanda għal estensjoni***.

Or. fr

Emenda 882
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) ***Minħabba żieda*** fit-traffiku tal-orbiti***, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji*** astronomiċi ***tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta'*** tar-riċerka u tad-difiża planetarja. ***Minħabba f'hekk***, ***jenħtieġ li jiġu żviluppati*** miżuri ta' mitigazzjoni ***li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet.***	(65) ***L-espansjoni rapida tal-kostellazzjonijiet tas-satelliti toħloq sfidi sinifikanti għall-preżervazzjoni ta' smewwiet mudlama u kwieti, li jikkostitwixxu wirt komuni tal-umanità u riżorsa vitali għall-iskoperta xjentifika u s-sikurezza tad-dinja. Iż-żieda*** fit-traffiku tal-orbiti ***u r-riflessjonijiet tad-dawl tax-xemx li jirriżultaw, kif ukoll l-interferenza elettromanjetika, jostakolaw dejjem aktar l-osservazzjonijiet*** astronomiċi ***bbażati fuq l-art, u b'hekk jheddu l-integrità*** tar-riċerka ***fundamentali*** u ***l-effettività tas-sistemi*** tad-difiża planetarja. ***F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni Astronomika Internazzjonali (IAU)***, ***ir-rapporti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-"Smewwiet Mudlama u Kwieti" tal-COPUOS, u l-limiti tal-emissjonijiet tal-ispettru rikonoxxuti internazzjonalment stabbiliti mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT), huwa meħtieġ li jiġu implimentati*** miżuri ta' mitigazzjoni***. Tali miżuri jenħtieġ li jippromwovu s-"sostenibbiltà mid-disinn", inklużi it-tnaqqis tar-riflettività tas-satelliti u l-konformità stretta mar-Regolamenti tar-Radju tal-UIT rigward l-emissjonijiet mhux mixtieqa. Dan huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni taż-żoni kwieti mir-radju u s-Servizz tar-***

Radju Astronomija mill-interferenza kkawżata minn trażmissjonijiet aggregati tas-satelliti. L-Unjoni jenħtieġ li tistabbilixxi miżuri ta' konformità u tkun minn ta' quddiem fit-trawwim tal-koordinazzjoni internazzjonali biex tiżgura li l-varar tal-infrastruttura spazjali ma tfixkilx b'mod irriversibbli l-kapaċità tagħna li nosservaw l-univers jew nipproteġu d-dinja.

Or. en

Emenda 883
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet.	(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni***, fil-livell Ewropew u internazzjonali u mill-aktar fis possibbli,*** li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Minħabba ż-żieda fit-traffiku spazjali, hemm bżonn li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ispazju orbitali.

Emenda 884
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. ***Minħabba f'hekk***, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni ***li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet***.	(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. ***Għalhekk***, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 885
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni ***li jipproteġu s-sema mudlam u kwiet***.	(65) Minħabba żieda fit-traffiku tal-orbiti, l-astronomisti jsibu tfixkil fil-frekwenzi tad-dawl u tar-radju fil-kampanji astronomiċi tagħhom. Dan it-tfixkil iħalli impatt dirett fuq il-kapaċitajiet ta' tar-riċerka u tad-difiża planetarja. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu żviluppati miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 886
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 887
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni.	(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni. ***Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw għall-operaturi kollha tal-kostellazzjonijiet soġġetti għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, irrispettivament mill-post fejn huma***

stabbiliti, peress li r-riskju kumulattiv ta' kolliżjoni ġġenerat minn kostellazzjoni huwa indifferenti għan-nazzjonalità tal-operatur. Il-valutazzjonijiet tas-sikurezza għall-kostellazzjonijiet jenħtieġ li jindirizzaw il-probabbiltà aggregata tar-riskju ta' kolliżjoni matul il-ħajja operazzjonali tal-kostellazzjoni kollha, filwaqt li jqisu l-effett ikkombinat tal-inġenji spazjali kollha fil-pjan ta' introduzzjoni. Il-parametri tekniċi speċifiċi għal tali valutazzjonijiet, inklużi l-limiti ta' probabbiltà applikabbli u l-metodoloġiji ta' mmudellar, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u aġġornati permezz ta' atti delegati sabiex jirriflettu l-iżviluppi fl-immudellar tar-residwi tal-orbiti u l-evoluzzjoni tal-ambjent orbitali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kostellazzjonijiet ta' żewġ satelliti jew aktar diġà jinteraġixxu bħala sistema f'termini ta' popolazzjoni orbitali u riskju ta' kolliżjoni. Il-korrezzjoni tal-limitu artifiċjali aktar baxx li meta jinqabeż japplikaw obbligi speċifiċi għall-kostellazzjoni tiżgura li l-qafas regolatorju jaqbad is-sistemi satellitari kollha li joperaw b'mod interdipendenti, aktar milli biss dawk li jaqbżu limitu numeriku arbitrarju li l-Kummissjoni pproponiet mingħajr ġustifikazzjoni operazzjonali.

Emenda 888
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. ***Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal***	(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. ***Id-densità għolja ta' dawn is-sistemi żżid il-probabbiltà ta' kolliżjonijiet intrakostellazzjoni li, jekk ma***

għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. ***Minħabba f'hekk,*** jenħtieġ li ***jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs*** ta' kostellazzjoni.

jiġux mitigati, jistgħu jwasslu għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. ***B'konsegwenza ta' dan, u f'konformità mal-approċċ regolatorju differenzjat adottat mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT) rigward l-istadji importanti tal-varar għal sistemi fuq skala kbira, dan ir-Regolament jenħtieġ li jimponi sistema ta' obbligi f'livelli differenti. Dawn l-obbligi*** jenħtieġ li ***jiġu kkalibrati mhux biss mid-daqs numeriku*** ta' kostellazzjoni***, iżda mill-profil tar-riskju ġenerali tagħha, inkluża l-altitudni orbitali, il-kapaċitajiet ta' manuvrabbiltà, u s-sofistikazzjoni tas-sistemi awtomatizzati tagħha għall-evitar tal-kolliżjonijiet***. ***Qafas gradwali bħal dan jiżgura li filwaqt li l-operaturi kollha jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-ispazju, jintuża l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-aktar rekwiżiti stretti għat-trasparenza, il-mitigazzjoni tar-residwi, u r-rimi fi tmiem il-ħajja jitqiegħdu fuq dawk is-sistemi li joħolqu l-akbar riskju sistemiku għall-vijabbiltà fit-tul tal-attivitajiet fl-ispazju.***

Or. en

Emenda 889
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq ***l-ambjent*** spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk,	(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni effiċjenti tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq ***is-sitwazzjoni*** spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed.

kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet ***li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni***.	Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet.

Or. en

Emenda 890
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni ***effiċjenti*** tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni.	(66) Il-kostellazzjonijiet huma assi għall-introduzzjoni tas-servizzi spazjali, għall-ġid taċ-ċittadini u tal-kumpaniji. Iżda minħabba l-għadd kbir tagħhom, l-effett tagħhom fuq l-ambjent spazjali hu aktar sinifikanti mill-impatt ta' inġenju spazjali wieħed. Barra minn hekk, kwalunkwe avveniment katastrofiku li jiġri fl-intrakostellazzjoni jista' jwassal għall-avveniment Kessler, u dan jagħmel l-aċċess għall-ispazju wieħed impossibbli fil-futur. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi għall-kostellazzjonijiet li jvarjaw skont id-daqs ta' kostellazzjoni.

Or. fr

Emenda 891
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 892
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali.	(67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali***, u hemm bżonn li jissaħħaħ il-qafas regolatorju internazzjonali u Ewropew, inkluż permezz ta' standards komuni, mekkaniżmi ta' konformità u inċentivi għall-operaturi biex jikkonformaw mal-aħjar prattiki***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Qafas regolatorju Ewropew u internazzjonali li jinkludi standards komuni u mekkaniżmi ta' konformità jkun ta' benefiċċju għall-operaturi li jikkonformaw ma' prattiki tajbin.

Emenda 893
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali.	(67) Biex tkun żgurata l-effiċjenza tar-rekwiżiti ewlenin stabbiliti għas-sikurezza u s-sostenibbiltà fl-ispazju, jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar elementi tekniċi biex tkun garantita ċ-ċertezza legali għall-operaturi spazjali. ***Peress li s-settur huwa mgħaġġel fl-innovazzjoni u l-varar, l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni u atti delegati jenħtieġ li jikkomplementa l-qafas stabbilit fir-Regolament.***

Or. en

Emenda 894
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sal-lum, iċ-ċibersigurtà tas-settur spazjali ġiet indirizzata biss parzjalment fil-livell tal-Unjoni b'qafas ġenerali applikabbli kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2022/2555. Ir-reġim attwali taċ-ċibersigurtà ma jkoprix b'mod komprensiv it-tipi kollha ta' atturi u servizzi li huma rilevanti għas-settur spazjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà fir-rigward tal-fornituri tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux pubbliċi, l-entitajiet iżgħar mil-limitu massimu tad-daqs tal-intrapriżi medji skont l-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[11] u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, u dawn jenħtieġ li ugwalment ikopru d-data tal-osservazzjoni u l-illanċjar b'lanċjaturi barra mill-Unjoni.	***imħassar***

[11] ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni***

2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 895
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Sal-lum, iċ-ċibersigurtà tas-settur spazjali ġiet indirizzata biss parzjalment fil-livell tal-Unjoni b'qafas ġenerali applikabbli kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2022/2555. Ir-reġim attwali taċ-ċibersigurtà ma jkoprix b'mod komprensiv it-tipi kollha ta' atturi u servizzi li huma rilevanti għas-settur spazjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà fir-rigward tal-fornituri tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux pubbliċi, l-entitajiet iżgħar mil-limitu massimu tad-daqs tal-intrapriżi medji skont l-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[11] u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, u dawn jenħtieġ li ugwalment ikopru d-data tal-osservazzjoni u l-illanċjar b'lanċjaturi barra mill-Unjoni.	***imħassar***

---

*[11] **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)***
.

Emenda 896
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) ***Sal-lum, iċ-ċibersigurtà tas-settur spazjali ġiet indirizzata biss parzjalment fil-livell tal-Unjoni b'qafas ġenerali applikabbli kif stabbilit mid-Direttiva*** (UE) 2022/2555. ***Ir-reġim attwali taċ-ċibersigurtà ma jkoprix b'mod komprensiv it-tipi kollha ta' atturi u servizzi li huma rilevanti għas-settur spazjali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà*** fir-rigward ***tal-fornituri tan-networks*** u ***s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux pubbliċi, l-entitajiet iżgħar mil-limitu massimu tad-daqs tal-intrapriżi medji skont l-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[11] u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni, u dawn jenħtieġ li ugwalment ikopru d-data tal-osservazzjoni u l-illanċjar b'lanċjaturi barra mill-Unjoni***.	(68) ***Id-Direttiva*** (UE) 2022/2555 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (Direttiva NIS 2) tistabbilixxi qafas legali komuni u sod għaċ-ċibersigurtà fl-Unjoni***. ***Din tistabbilixxi obbligi ċari għall-Istati Membri u tintroduċi sett ta' miżuri tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà u l-obbligi tar-rapportar għall-entitajiet. Id-Direttiva NIS 2 tiżgura livell għoli ta' ċarezza għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati*** fir-rigward ***tal-obbligi legali tagħhom u ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni teknika għall-introduzzjoni ta' "lex specialis" għall-ispazju f'termini ta' ċibersigurtà permezz ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-obbligi legali tad-Direttiva NIS 2 ikunu applikabbli għas-settur spazjali kollu, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS 2 u li din id-Direttiva tiġi emendata sabiex jiġu inklużi attivitajiet fl-ispazju*** u ***servizzi spazjali u assi tal-Unjoni kif definit f'dan ir-Regolament***. ***Tali emenda tiżgura li l-partijiet ikkonċernati tas-settur spazjali kollu jkunu meħtieġa jikkonformaw ma' att legali uniku, id-Direttiva NIS 2, fir-rigward tar-reżiljenza***.

[11] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u

ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)
.

Or. en

Emenda 897
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Fl-istess ħin, meta titqies fl-intier tagħha, il-linja bażi taċ-ċibersigurtà fis-settur spazjali għandha nuqqas ta' allinjament u koerenza. Filwaqt li r-reżiljenza tal-assi tal-Unjoni nkisbet bil-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, għal parti mill-assi tal-infrastruttura spazjali nazzjonali jaf hemm japplikaw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni. U din id-diverġenza se tkompli biss tikber u tiġġenera assimetriji. Barra minn hekk, il-Programm Spazjali tal-Unjoni jopera b'arkitettura dejjem aktar interkonnessa, li tintegra l-pożijiet tat-tagħbija tas-satelliti kummerċjali nazzjonali. Għalhekk, l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri jenħtieġ li tgħolli l-livelli tar-reżiljenza kif xieraq biex tevita wkoll li tipperikola s-sigurtà tal-assi tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar tevita li tħalli impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali li jappoġġaw attivitajiet kif ukoll entitajiet u setturi kritiċi fis-suq intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 898

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Fl-istess ħin, meta titqies fl-intier tagħha, il-linja bażi taċ-ċibersigurtà fis-settur spazjali għandha nuqqas ta' allinjament u koerenza. Filwaqt li r-reżiljenza tal-assi tal-Unjoni nkisbet bil-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, għal parti mill-assi tal-infrastruttura spazjali nazzjonali jaf hemm japplikaw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni. U din id-diverġenza se tkompli biss tikber u tiġġenera assimetriji. Barra minn hekk, il-Programm Spazjali tal-Unjoni jopera b'arkitettura dejjem aktar interkonnessa, li tintegra l-pożijiet tat-tagħbija tas-satelliti kummerċjali nazzjonali. Għalhekk, l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri jenħtieġ li tgħolli l-livelli tar-reżiljenza kif xieraq biex tevita wkoll li tipperikola s-sigurtà tal-assi tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar tevita li tħalli impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali li jappoġġaw attivitajiet kif ukoll entitajiet u setturi kritiċi fis-suq intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 899
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(69) Fl-istess ħin, meta titqies fl-intier tagħha, il-linja bażi taċ-ċibersigurtà fis-settur spazjali għandha nuqqas ta' allinjament u koerenza. Filwaqt li r-reżiljenza tal-assi tal-Unjoni nkisbet bil-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, għal parti mill-assi tal-infrastruttura spazjali nazzjonali jaf hemm japplikaw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni. U din id-diverġenza se tkompli biss tikber u tiġġenera assimetriji. Barra minn hekk, il-Programm Spazjali tal-Unjoni jopera b'arkitettura dejjem aktar interkonnessa, li tintegra l-piżijiet tat-tagħbija tas-satelliti kummerċjali nazzjonali. Għalhekk, l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri jenħtieġ li tgħolli l-livelli tar-reżiljenza kif xieraq biex tevita wkoll li tipperikola s-sigurtà tal-assi tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fl-aħħar mill-aħħar tevita li tħalli impatt negattiv fuq il-forniment tad-data bbażata fuq l-ispazju u servizzi spazjali li jappoġġaw attivitajiet kif ukoll entitajiet u setturi kritiċi fis-suq intern.	***imħassar***

Or. en

Emenda 900
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(69a) Id-Direttiva NIS2 tistabbilixxi qafas legali solidu komuni għaċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Din tistabbilixxi obbligi ċari għall-Istati Membri u tintroduċi sett ta' miżuri tal-ġestjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà u l-obbligi tar-rapportar għall-entitajiet. Id-Direttiva NIS2 tiżgura livell għoli ta' ċarezza għall-

partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati fir-rigward tal-obbligi legali tagħhom u ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni teknika għall-introduzzjoni ta' "lex specialis" għall-ispazju f'termini ta' ċibersigurtà permezz ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-obbligi legali tad-Direttiva NIS2 ikunu applikabbli għas-settur spazjali kollu, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS2 u li din id-Direttiva tiġi emendata sabiex jiġu inklużi attivitajiet fl-ispazju u servizzi spazjali u assi tal-Unjoni kif definit f'dan ir-Regolament. Tali emenda tiżgura li l-partijiet ikkonċernati tas-settur spazjali kollu jkunu meħtieġa jikkonformaw ma' att legali uniku, id-Direttiva NIS2, fir-rigward tar-reżiljenza.

Or. en

Emenda 901
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) L-iżbilanċ attwali ma jinħoloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-operat	***imħassar***

tagħhom tal-missjonijiet spazjali.

Or. en

Emenda 902
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) L-iżbilanċ attwali ma jinħoloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-operat tagħhom tal-missjonijiet spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 903
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(70) L-iżbilanċ attwali ma jinħoloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-operat tagħhom tal-missjonijiet spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 904
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) L-iżbilanċ attwali ma jinħoloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-	(70) L-iżbilanċ attwali ma jinħoloqx biss minħabba l-fatt li l-programmi spazjali ġew żviluppati f'binarji paralleli (livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri). Hu marbut ukoll man-nuqqas ta' linja bażi komuni għaċ-ċibersigurtà u l-ġestjoni tar-riskju li tkun imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura spazjali. Filwaqt li wħud biss mill-Istati Membri adottaw approċċ normattiv, il-livell jew il-profondità ta' dawn ir-rekwiżiti jvarjaw madwar is-suq intern kollu. F'ħafna każijiet, ir-reżiljenza tal-infrastruttura spazjali tiddependi fuq il-kapaċitajiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rieda tal-kumpaniji li jħaddmu prattiki tajbin tal-ġestjoni tar-riskju u jintegraw iċ-ċibersigurtà fid-disinn u l-

operat tagħhom tal-missjonijiet spazjali.	operat tagħhom tal-missjonijiet spazjali. ***Dawn il-prattiki jenħtieġ li jippromwovu wkoll l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur spazjali Ewropew, filwaqt li joħolqu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-libertà tal-operaturi li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja mingħajr fruntieri, jeħtieġ li jintlaħaq bilanċ sostenibbli u ġust bejn il-libertà tad-diversi operaturi u atturi fil-qasam li joperaw u l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi.

Emenda 905
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni u l-iżbilanċi, jenħtieġ li tiġi stabbilita linja bażi tar-reżiljenza apposta għas-settur spazjali kollu. Dawn ir-regoli jenħtieġ li japplikaw għall-infrastruttura spazjali kollha madwar l-Unjoni, li tkopri l-assi tal-Unjoni u l-assi governattivi u mhux governattivi nazzjonali. Is-segmenti kollha terrestri, spazjali u tal-konnessjonijiet tal-infrastruttura spazjali jenħtieġ li jkunu koperti b'mod koerenti, kif ukoll is-sistemi u s-subsistemi diġitali u fiżiċi, kemm spazjali kif ukoll ibbażati fl-art, biex ikunu jkopru r-riskji rilevanti kollha, bħar-riskji ta' interferenzi ċibernetiċi u elettroniċi kif ukoll ir-riskji fiżiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 906
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni u l-iżbilanċi, jenħtieġ li tiġi stabbilita linja bażi tar-reżiljenza apposta għas-settur spazjali kollu. Dawn ir-regoli jenħtieġ li japplikaw għall-infrastruttura spazjali kollha madwar l-Unjoni, li tkopri l-assi tal-Unjoni u l-assi governattivi u mhux governattivi nazzjonali. Is-segmenti kollha terrestri, spazjali u tal-konnessjonijiet tal-infrastruttura spazjali jenħtieġ li jkunu koperti b'mod koerenti, kif ukoll is-sistemi u s-subsistemi diġitali u fiżiċi, kemm spazjali kif ukoll ibbażati fl-art, biex ikunu jkopru r-riskji rilevanti kollha, bħar-riskji ta' interferenzi ċibernetiċi u elettroniċi kif ukoll ir-riskji fiżiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 907
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Biex jiġu indirizzati dawn il-lakuni u l-iżbilanċi, jenħtieġ li tiġi stabbilita linja bażi tar-reżiljenza apposta għas-settur spazjali kollu. Dawn ir-regoli jenħtieġ li japplikaw għall-infrastruttura spazjali kollha madwar l-Unjoni, li tkopri l-assi tal-Unjoni u l-assi governattivi u mhux governattivi nazzjonali. Is-segmenti kollha terrestri, spazjali u tal-konnessjonijiet tal-infrastruttura spazjali	***imħassar***

jenħtieġ li jkunu koperti b'mod koerenti, kif ukoll is-sistemi u s-subsistemi diġitali u fiżiċi, kemm spazjali kif ukoll ibbażati fl-art, biex ikunu jkopru r-riskji rilevanti kollha, bħar-riskji ta' interferenzi ċibernetiċi u elettroniċi kif ukoll ir-riskji fiżiċi.

Or. en

Emenda 908
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 71a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71a) Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà skont id-Direttiva NIS 2 u dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu sinkronizzati u kkoordinati, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jkunu identiċi għat-tipi kollha ta' entitajiet, u b'hekk titrawwem iċ-ċertezza legali għall-operaturi u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

Or. en

Emenda 909
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 71a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(71a) Ir-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà skont NIS2 u dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu sinkronizzati u kkoordinati, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti jkunu identiċi għat-tipi kollha ta' entitajiet, u b'hekk titrawwem iċ-ċertezza legali għall-operaturi.

Or. en

Emenda 910
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Peress li dan ir-Regolament iżid il-livell ta' armonizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għas-settur spazjali, dan il-livell ogħla jikkostitwixxi armonizzazzjoni akbar ukoll meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555. Minħabba f'hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Fl-istess ħin, is-settur spazjali jenħtieġ li jippreserva relazzjoni soda mal-qafas orizzontali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konsistenza sħiħa mar-regoli u l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà adottati mill-Istati Membri u l-istruttura istituzzjonali maħluqa minn dik id-Direttiva. Għalhekk, id-distakk bejn il-linji bażi tar-reżiljenza applikabbli għall-assi tal-Unjoni u għall-assi tal-Istati Membri jenħtieġ li jixxejjen. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti aktar stretti ta' ġestjoni tar-riskju mmirati għas-settur spazjali biex tinkiseb armonizzazzjoni akbar meta mqabbla mar-rekwiżiti attwali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 911
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Peress li dan ir-Regolament iżid il-livell ta' armonizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għas-settur spazjali, dan il-livell ogħla jikkostitwixxi armonizzazzjoni akbar ukoll meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555. Minħabba f'hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Fl-istess ħin, is-settur spazjali jenħtieġ li jippreserva relazzjoni soda mal-qafas orizzontali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konsistenza sħiħa mar-regoli u l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà adottati mill-Istati Membri u l-istruttura istituzzjonali maħluqa minn dik id-Direttiva. Għalhekk, id-distakk bejn il-linji bażi tar-reżiljenza applikabbli għall-assi tal-Unjoni u għall-assi tal-Istati Membri jenħtieġ li jixxejjen. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti aktar stretti ta' ġestjoni tar-riskju mmirati għas-settur spazjali biex tinkiseb armonizzazzjoni akbar meta mqabbla mar-rekwiżiti attwali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 912
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) Peress li dan ir-Regolament iżid il-	***imħassar***

livell ta' armonizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju applikabbli għas-settur spazjali, dan il-livell ogħla jikkostitwixxi armonizzazzjoni akbar ukoll meta mqabbel mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555. Minħabba f'hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxi lex specialis fir-rigward tal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2022/2555. Fl-istess ħin, is-settur spazjali jenħtieġ li jippreserva relazzjoni soda mal-qafas orizzontali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni stabbilit fid-Direttiva (UE) 2022/2555, biex tkun żgurata konsistenza sħiħa mar-regoli u l-istrateġiji taċ-ċibersigurtà adottati mill-Istati Membri u l-istruttura istituzzjonali maħluqa minn dik id-Direttiva. Għalhekk, id-distakk bejn il-linji bażi tar-reżiljenza applikabbli għall-assi tal-Unjoni u għall-assi tal-Istati Membri jenħtieġ li jixxejjen. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti aktar stretti ta' ġestjoni tar-riskju mmirati għas-settur spazjali biex tinkiseb armonizzazzjoni akbar meta mqabbla mar-rekwiżiti attwali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2555.

Or. en

Emenda 913
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali hi importanti ħafna li tkun żgurata waqt il-fażijiet kollha tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-operat tal-infrastruttura spazjali. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri sodi tal-ġestjoni tar-riskju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fażijiet ewlenin kollha. Jenħtieġ li tinkiseb	***imħassar***

protezzjoni adegwata għall-assi, is-sistemi u d-data kollha, mid-disinn u l-manifattura, tul l-illanċjar u l-operat, sal-istadji ta' tmiem il-ħajja tal-prodott.

Or. en

Emenda 914
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali hi importanti ħafna li tkun żgurata waqt il-fażijiet kollha tad-disinn, tal-iżvilupp u tal-operat tal-infrastruttura spazjali. Minħabba f'ħekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri sodi tal-ġestjoni tar-riskju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fażijiet ewlenin kollha. Jenħtieġ li tinkiseb protezzjoni adegwata għall-assi, is-sistemi u d-data kollha, mid-disinn u l-manifattura, tul l-illanċjar u l-operat, sal-istadji ta' tmiem il-ħajja tal-prodott.	***imħassar***

Or. en

Emenda 915
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Iċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura spazjali hi importanti ħafna li tkun żgurata waqt il-fażijiet kollha tad-disinn,	***imħassar***

tal-iżvilupp u tal-operat tal-infrastruttura spazjali. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri sodi tal-ġestjoni tar-riskju tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-fażijiet ewlenin kollha. Jenħtieġ li tinkiseb protezzjoni adegwata għall-assi, is-sistemi u d-data kollha, mid-disinn u l-manifattura, tul l-illanċjar u l-operat, sal-istadji ta' tmiem il-ħajja tal-prodott.

Or. en

Emenda 916
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Il-ġestjoni tar-riskju li jagħmlu l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li tissejjes fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru fil-livelli ta' segment, ta' sistema u ta' komponent, abbażi ta' xenarji tar-riskju, li jkopru mqar l-assi kritiċi, bħas-sistemi tal-inġinerija, is-software tat-titjir, l-unità tat-telemetrija / tat-telekmand, iċ-ċentri tal-kontroll tal-missjonijiet, jew iċ-ċentri tal-kontroll tal-inġenji spazjali. Il-lista tal-kategoriji tal-assi kritiċi, l-operazzjonijiet u l-istadji, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, li għalihom jenħtieġ li jiġu żviluppati dawn ix-xenarji tar-riskju mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif ukoll ix-xenarji tar-riskju u l-metodi tal-mudellar tat-theddid b'appoġġ għal dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, jenħtieġ li tiżviluppaha l-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 917

András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Il-ġestjoni tar-riskju li jagħmlu l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li tissejjes fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru fil-livelli ta' segment, ta' sistema u ta' komponent, abbażi ta' xenarji tar-riskju, li jkopru mqar l-assi kritiċi, bħas-sistemi tal-inġinerija, is-software tat-titjir, l-unità tat-telemetrija / tat-telekmand, iċ-ċentri tal-kontroll tal-missjonijiet, jew iċ-ċentri tal-kontroll tal-inġenji spazjali. Il-lista tal-kategoriji tal-assi kritiċi, l-operazzjonijiet u l-istadji, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, li għalihom jenħtieġ li jiġu żviluppati dawn ix-xenarji tar-riskju mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif ukoll ix-xenarji tar-riskju u l-metodi tal-mudellar tat-theddid b'appoġġ għal dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, jenħtieġ li tiżviluppaha l-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 918
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Il-ġestjoni tar-riskju li jagħmlu l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li tissejjes fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju li jridu jsiru fil-livelli ta' segment, ta' sistema u ta' komponent, abbażi ta'	***imħassar***

xenarji tar-riskju, li jkopru mqar l-assi kritiċi, bħas-sistemi tal-inġinerija, is-software tat-titjir, l-unità tat-telemetrija / tat-telekmand, iċ-ċentri tal-kontroll tal-missjonijiet, jew iċ-ċentri tal-kontroll tal-inġenji spazjali. Il-lista tal-kategoriji tal-assi kritiċi, l-operazzjonijiet u l-istadji, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-missjonijiet spazjali, li għalihom jenħtieġ li jiġu żviluppati dawn ix-xenarji tar-riskju mill-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif ukoll ix-xenarji tar-riskju u l-metodi tal-mudellar tat-theddid b'appoġġ għal dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, jenħtieġ li tiżviluppaha l-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 919
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 920
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) ***F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità,*** dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, ***jaf ikollhom inqas impatt***. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ***ta' funzjonijiet u*** assi ***kritiċi***, u li jiġu indirizzati r-riskji ***ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.***	(75) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, ***għandhom inqas riżorsi għall-konformità, filwaqt li l-oġġetti li jiddisinjaw, jimmanifatturaw, jillanċjaw jew joperaw jippreżentaw riskji li mhumiex proporzjonali għad-daqs tal-entità***. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ***tal-ekosistema spazjali kollha, inklużi l-assi ta' partijiet ikkonċernati oħra***, u li jiġu indirizzati r-riskji ***relatati permezz ta' għodod ta' appoġġ li jiżguraw konformità sħiħa u sakemm id-daqs tal-entità jipprovdi riżorsi suffiċjenti.***

Or. en

Emenda 921
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni***. Dawn il-kategoriji***, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu	(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni***, u jħeġġeġ sħubijiet u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn dawk il-korpi, anke jekk***, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet ***tagħhom***, ***kategoriji bħal dawn*** jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv

indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.	imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Għalkemm il-qasam spazjali huwa kumpless u jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' atturi kbar, huwa ta' benefiċċju għall-intrapriżi żgħar u l-istituzzjonijiet ta' riċerka li jkunu jistgħu jipparteċipaw ukoll,

inkluż fil-forma ta' sħubijiet.

Emenda 922
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.	(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju, intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja*** jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.

Or. en

Emenda 923
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu intrapriżi żgħar jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.	(75) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi l-pożizzjoni speċifika tal-operaturi spazjali li jkunu ***kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja,*** intrapriżi żgħar ***u ta' daqs medju,*** jew istituzzjonijiet tar-riċerka jew tal-edukazzjoni. Dawn il-kategoriji, minħabba d-daqs, ir-riżorsi, u l-firxa tal-attivitajiet, jaf ikollhom inqas impatt. L-objettiv imperattiv f'dan il-każ hu li tkun żgurata l-protezzjoni ta' funzjonijiet u assi kritiċi, u li jiġu indirizzati r-riskji ewlenin, bħar-riskju ta' telf tal-kontroll tal-assi bil-propulsjoni u bil-kapaċità li jemmittjaw interferenza.

Or. en

Emenda 924
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Biex ikun żgurat approċċ komuni għall-operat tal-infrastruttura spazjali kollha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli bażiċi għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-assi u għall-ġestjoni u l-kontroll tad-drittijiet ta' aċċess, biex jiġu salvagwardjati l-aċċessi fis-segment terrestri u l-kontroll tas-segment spazjali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin għas-salvagwardja tar-reżiljenza tal-assi,	***imħassar***

b'mod partikolari l-indirizzar tar-reżiljenza tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun hemm kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali.	

Or. en

Emenda 925
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Biex ikun żgurat approċċ komuni għall-operat tal-infrastruttura spazjali kollha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli bażiċi għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-assi u għall-ġestjoni u l-kontroll tad-drittijiet ta' aċċess, biex jiġu salvagwardjati l-aċċessi fis-segment terrestri u l-kontroll tas-segment spazjali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin għas-salvagwardja tar-reżiljenza tal-assi, b'mod partikolari l-indirizzar tar-reżiljenza tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun hemm kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 926
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(76) Biex ikun żgurat approċċ komuni għall-operat tal-infrastruttura spazjali kollha, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli bażiċi għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-assi u għall-ġestjoni u l-kontroll tad-drittijiet ta' aċċess, biex jiġu salvagwardjati l-aċċessi fis-segment terrestri u l-kontroll tas-segment spazjali. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin għas-salvagwardja tar-reżiljenza tal-assi, b'mod partikolari l-indirizzar tar-reżiljenza tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun hemm kontroll tekniku effettiv tas-segment spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 927
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi ewlenin fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ikunu żgurati prattiki tal-kriptaġġ sodi, bid-definizzjoni ta' kunċett kriptografiku ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali, politika apposta għall-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi, kif ukoll awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tal-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tas-satelliti u s-segment spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 928
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi ewlenin fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ikunu żgurati prattiki tal-kriptaġġ sodi, bid-definizzjoni ta' kunċett kriptografiku ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tac-ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali, politika apposta għall-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi, kif ukoll awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tal-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tas-satelliti u s-segment spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 929
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi ewlenin fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ikunu żgurati prattiki tal-kriptaġġ sodi, bid-definizzjoni ta' kunċett kriptografiku ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tac-ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali, politika apposta għall-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi, kif ukoll awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tal-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tas-satelliti u s-segment spazjali.	(77) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji minimi ewlenin fuq l-operaturi spazjali tal-Unjoni biex ikunu żgurati prattiki tal-kriptaġġ sodi, bid-definizzjoni ta' kunċett kriptografiku ħalli jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tac-ċibersigurtà tal-missjonijiet spazjali, politika apposta għall-ġestjoni tal-kjavi kriptografiċi, kif ukoll awtentikazzjoni minn tarf sa tarf tal-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-kontroll tas-satelliti u s-segment spazjali. ***L-operaturi jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-protezzjoni tal-infrastruttura u d-data kontra theddid ċibernetiku u fiżiku, jistabbilixxu proċeduri ċari ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u jipprevedu miżuri xierqa biex jirrestawraw malajr is-servizzi wara interruzzjoni.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Peress li l-attivitajiet spazjali mhumiex immuni minn attakki ċibernetiċi, hemm bżonn ta' proċeduri ċari ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti meta dawn iseħħu sabiex ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet rapidi.

Emenda 930
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ewlenin li jippermettu kontinwità tal-operat u miżuri rapidi u effettivi tar-rispons u tal-irkupru biex jiżguraw rispons effettiv għall-inċidenti u jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tal-missjonijiet spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 931
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(78) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ewlenin li jippermettu kontinwità tal-operat u miżuri rapidi u effettivi tar-rispons u tal-irkupru biex jiżguraw rispons effettiv għall-inċidenti u jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tal-missjonijiet spazjali.	(78) L-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri ewlenin li jippermettu kontinwità tal-operat u miżuri rapidi u effettivi tar-rispons u tal-irkupru biex jiżguraw rispons effettiv għall-inċidenti u jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tal-missjonijiet spazjali. ***Dawk il-miżuri jenħtieġ li jinkludu, b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-ittestjar regolari ta' pjanijiet għall-kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastri, l-istabbiliment ta' sistemi addizzjonali u kapaċitajiet ta' riżerva għal***

funzjonijiet kritiċi, u l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi robusti ta' detezzjoni, rapportar u ġestjoni tal-inċidenti.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa impossibbli li wieħed ibassar inċidenti ta' kull tip u natura teknika, inkluż fl-ispazju, u huwa għalhekk li hemm bżonn ta' proċeduri ċari għall-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti meta jseħħu inċidenti bħal dawn sabiex ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet rapidi.

Emenda 932
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) Biex jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, u skont il-prattiki attwali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jittestjaw regolarment is-sistemi, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa. Dan l-ittestjar jista' jinkludi t-twettiq ta' ttestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid fuq is-salvagwardji, rigward il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dan l-ittestjar u l-kriterji li jridu jissodisfaw it-testers.	***imħassar***

Or. en

Emenda 933
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) Biex jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, u skont il-prattiki attwali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jittestjaw regolarment is-sistemi, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa. Dan l-ittestjar jista' jinkludi t-twettiq ta' ttestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid fuq is-salvagwardji, rigward il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dan l-ittestjar u l-kriterji li jridu jissodisfaw it-testers.	***imħassar***

Or. en

Emenda 934
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(79) Biex jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza tal-infrastruttura spazjali, u skont il-prattiki attwali, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jintalbu jittestjaw regolarment is-sistemi, filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa. Dan l-ittestjar jista' jinkludi t-twettiq ta' ttestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid fuq is-salvagwardji, rigward il-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' dan l-ittestjar u l-kriterji li jridu jissodisfaw it-testers.	***imħassar***

Or. en

Emenda 935
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) Il-kumplessità tal-katina tal-provvista fis-settur spazjali tista' toħloq riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà, fid-dawl tad-diversi sorsi użati għall-akkwist tal-komponenti. Dawn tal-aħħar spiss jiġu akkwistati minn madwar id-dinja u jaf ma jkollhomx il-kontrolli tal-integrità meħtieġa, speċjalment meta jintegraw jew jgħaqqdu komponenti f'sistemi varji tal-infrastruttura spazjali. Biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista bi strateġiji apposta mmirati biex jonqsu r-riskji fil-katina tal-provvista, billi jużaw kontrolli tal-integrità u tal-awtenticità tas-software, jistabbilixxu l-kriterji għall-għażla tal-prodotti tas-software, filwaqt li jqisu ċ-ċibersigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni interkonnessi temporanjament, bħal fil-kuntest tal-forniment ta' manutenzjoni jew appoġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 936
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) Il-kumplessità tal-katina tal-provvista fis-settur spazjali tista' toħloq riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà, fid-dawl tad-diversi sorsi użati għall-akkwist tal-komponenti. Dawn tal-aħħar spiss jiġu akkwistati minn madwar id-dinja u jaf ma jkollhomx il-kontrolli tal-integrità meħtieġa, speċjalment meta jintegraw jew jgħaqqdu komponenti f'sistemi varji tal-	***imħassar***

infrastruttura spazjali. Biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-operaturi spazjali tal-Unjoni jenħtieġ li jistabbilixxu qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista bi strateġiji apposta mmirati biex jonqsu r-riskji fil-katina tal-provvista, billi jużaw kontrolli tal-integrità u tal-awtentiċità tas-software, jistabbilixxu l-kriterji għall-għażla tal-prodotti tas-software, filwaqt li jqisu ċ-ċibersigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni interkonnessi temporanjament, bħal fil-kuntest tal-forniment ta' manutenzjoni jew appoġġ.

Or. en

Emenda 937
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) Il-kumplessità tal-katina tal-provvista fis-settur spazjali tista' toħloq riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà, fid-dawl tad-diversi sorsi użati għall-akkwist tal-komponenti. ***Dawn tal-aħħar spiss jiġu akkwistati minn madwar id-dinja u jaf ma jkollhomx il-kontrolli tal-integrità meħtieġa, speċjalment meta jintegraw jew jgħaqqdu komponenti f'sistemi varji tal-infrastruttura spazjali.*** Biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-operaturi spazjali tal-Unjoni ***jenħtieġ li jistabbilixxu qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista bi strateġiji apposta mmirati biex jonqsu r-riskji fil-katina tal-provvista, billi jużaw kontrolli tal-integrità u tal-awtentiċità tas-software, jistabbilixxu l-kriterji għall-għażla tal-prodotti tas-software, filwaqt li jqisu ċ-ċibersigurtà tan-network u s-sistemi tal-informazzjoni interkonnessi temporanjament, bħal fil-kuntest tal-***	(80) Il-kumplessità tal-katina tal-provvista fis-settur spazjali tista' toħloq riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà, fid-dawl tad-diversi sorsi użati għall-akkwist tal-komponenti. Biex jindirizzaw dawn ir-riskji, l-operaturi spazjali tal-Unjoni ***jistgħu jqisu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi għall-forniturи diretti u l-forniturи tas-servizzi***.

forniment ta' manutenzjoni jew appoġġ.

Or. en

Emenda 938
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun parti integrali mill-qafas ġenerali tal-Unjoni għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/696, l-Istati Membri kienu meħtieġa, fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[12], issa sostitwita mid-Direttiva 2022/2557, li għall-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri li jkun hemm fit-territorju tagħhom u li tkun parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni jiżguraw miżuri li jkunu mqar ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva. Biex tkun żgurata koerenza sħiħa mar-regoli attwali tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u biex titħares il-kontinwità sħiħa fir-relazzjoni bejn ir-reġim tar-reżiljenza aġġornat ġenerali u r-regoli armonizzati fil-qasam tal-ispazju, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħaddem approċċ simili fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-Direttiva (UE) 2022/2557 u dan ir-Regolament. Għalhekk, fir-rigward tar-reżiljenza fiżika tas-segment terrestri, l-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw li jkunu mqar ekwivalenti għall-miżuri meħuda skont id-Direttiva (UE) 2022/2557. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif definiti u koperti**	***imħassar***

f'dan ir-Regolament, jistgħu jiġu identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 meta jkunu operaturi tal-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija fil-punt (10) tal-Anness ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, dik id-Direttiva tkopri lill-operaturi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn dawn jiġu identifikati mill-Istati Membri bħala entitajiet kritiċi. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri lill-operaturi spazjali kollha, sew jekk identifikati bħala entitajiet kritiċi u sew jekk le skont dik id-Direttiva. Fl-aħħar nett jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-segment terrestri kif definit u kopert f'dan ir-Regolament irid jinftiehem li jkopri l-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija f'dik id-Direttiva.

---

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/114/oj).

Or. en

Emenda 939
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun parti integrali mill-qafas ġenerali tal-Unjoni għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, u f'konformità mar-Regolament (UE)	***imħassar***

2021/696, l-Istati Membri kienu meħtieġa, fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[12], issa sostitwita mid-Direttiva 2022/2557, li għall-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri li jkun hemm fit-territorju tagħhom u li tkun parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni jiżguraw miżuri li jkunu mqar ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva. Biex tkun żgurata koerenza sħiħa mar-regoli attwali tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u biex titħares il-kontinwità sħiħa fir-relazzjoni bejn ir-reġim tar-reżiljenza aġġornat ġenerali u r-regoli armonizzati fil-qasam tal-ispazju, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħaddem approċċ simili fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-Direttiva (UE) 2022/2557 u dan ir-Regolament. Għalhekk, fir-rigward tar-reżiljenza fiżika tas-segment terrestri, l-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw li jkunu mqar ekwivalenti għall-miżuri meħuda skont id-Direttiva (UE) 2022/2557. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif definiti u koperti f'dan ir-Regolament, jistgħu jiġu identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 meta jkunu operaturi tal-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija fil-punt (10) tal-Anness ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, dik id-Direttiva tkopri lill-operaturi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn dawn jiġu identifikati mill-Istati Membri bħala entitajiet kritiċi. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri lill-operaturi spazjali kollha, sew jekk identifikati bħala entitajiet kritiċi u sew jekk le skont dik id-Direttiva. Fl-aħħar nett jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-segment terrestri kif definit u kopert f'dan ir-Regolament irid jinftiehem li jkopri l-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija f'dik id-Direttiva.

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/114/oj).

Or. en

Emenda 940
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(81) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun parti integrali mill-qafas ġenerali tal-Unjoni għar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi. Fir-rigward tal-assi tal-Unjoni, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/696, l-Istati Membri kienu meħtieġa, fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE[12], issa sostitwita mid-Direttiva 2022/2557, li għall-protezzjoni tal-infrastruttura terrestri li jkun hemm fit-territorju tagħhom u li tkun parti mill-Programm Spazjali tal-Unjoni jiżguraw miżuri li jkunu mqar ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva. Biex tkun żgurata koerenza sħiħa mar-regoli attwali tal-Unjoni dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u biex titħares il-kontinwità sħiħa fir-relazzjoni bejn ir-reġim tar-reżiljenza aġġornat ġenerali u r-regoli armonizzati fil-qasam tal-ispazju, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħaddem approċċ simili fir-rigward tar-relazzjoni bejn id-Direttiva (UE) 2022/2557 u dan ir-Regolament. Għalhekk, fir-rigward tar-reżiljenza fiżika**	***imħassar***

tas-segment terrestri, l-operaturi spazjali kollha tal-Unjoni jenħtieġ li japplikaw il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jiżguraw li jkunu mqar ekwivalenti għall-miżuri meħuda skont id-Direttiva (UE) 2022/2557. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-operaturi spazjali tal-Unjoni, kif definiti u koperti f'dan ir-Regolament, jistgħu jiġu identifikati bħala entitajiet kritiċi skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 meta jkunu operaturi tal-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija fil-punt (10) tal-Anness ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, dik id-Direttiva tkopri lill-operaturi spazjali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa fejn dawn jiġu identifikati mill-Istati Membri bħala entitajiet kritiċi. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri lill-operaturi spazjali kollha, sew jekk identifikati bħala entitajiet kritiċi u sew jekk le skont dik id-Direttiva. Fl-aħħar nett jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-segment terrestri kif definit u kopert f'dan ir-Regolament irid jinftiehem li jkopri l-infrastruttura bbażata fl-art imsemmija f'dik id-Direttiva.

---

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/114/oj).

Or. en

Emenda 941
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557 ***u b'mod kumplimentari magħha***. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.	(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.

Or. en

Emenda 942
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE)	(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE)

2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557 ***u b'mod kumplimentari magħha***. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.

2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.

Or. en

Emenda 943
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557 ***u b'mod kumplimentari magħha***. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni	(82) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tistabbilixxi regoli minimi ewlenin tal-armonizzazzjoni mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u titjieb il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti. Id-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tibqa' s-sies tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li joperaw infrastruttura bbażata fl-art fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u koperti minn dan ir-Regolament. Għal dawn l-entitajiet, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2022/2557. Ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE)

tad-Direttiva (UE) 2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.	2022/2557 jenħtieġ li tkun żgurata f'konformità ma' dik id-Direttiva. L-infrastruttura kritika li dawn l-entitajiet joperaw tista' tinkludi ċentri tal-kontroll, antenni, faċilitajiet tal-ittestjar, siti, inkluż siti tal-illanċjar, tagħmir u komponenti fiżiċi, hardware, sistemi u subsistemi li jkunu parti minn infrastruttura spazjali, sistemi tal-inġinerija, sistemi tal-enerġija u sistemi tal-propulsjoni.

Or. en

Emenda 944
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 86

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(86) Minbarra l-istabbiliment ta' regoli ewlenin dwar l-indirizzar u l-investigazzjoni tal-inċidenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu tar-rapportar tal-inċidenti mill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, li jxejjen il-lakuni eżistenti fir-rapportar tal-inċidenti. L-Aġenzija jenħtieġ li tikseb aċċess għall-informazzjoni dwar l-inċidenti sinifikanti għall-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-Unjoni permezz tal-istruttura taċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sigurtà stabbilita fil-kuntest tal-Programm Spazjali tal-Unjoni, billi tipprovdi appoġġ u monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà tas-sistemi rilevanti. Biex tinkiseb koerenza mal-qafas ġenerali dwar iċ-ċibersigurtà, dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jiġi allinjat mar-rapportar tal-inċidenti stabbilit mid-Direttiva (UE) 2022/2555.	***imħassar***

Or. en

Emenda 945
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(87) Barra minn hekk, fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti li jaffettwaw l-infrastruttura spazjali tal-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit tar-rapportar tal-inċidenti stabbilit bħalissa fid-Direttiva (UE) 2022/2555 jew fid-Direttiva (UE) 2022/2557. Minħabba f'hekk, ir-regoli tar-rapportar skont dawn iż-żewġ Direttivi jenħtieġ likomplu japplikaw għalkollox għall-operaturi spazjali tal-Unjoni li huma entitajiet essenzjali jew importanti, u rispettivament entitajiet kritiċi, skont dawk id-Direttivi.	***imħassar***

Or. en